

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

13.4.2007

PE 388.328v01-00

EMENDI 1-217

Abbozz ta' rapport

(PE 384.621v01-00)

Ieke van den Burg

Il-politka dwar is-servizzi finanzjarji (2005-2010) - White Paper

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 1
Premessa A a (ġdida)

Aa. Billi investimenti fit-tul, li huma kruċjali biex jinkisbu l-objettivi ta' Liżbona-- Göteborg (eżempju, l-iffaċċjar tas-soċjetà bbażata fuq it-tagħrif, l-indirizzar tal-bidla fil-klima u l-implimentazzjoni ta' politika ta' l-enerġija) jirrikjedu finanzjament fit-tul;

Or. en

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 2
Premessa B a (ġdida)

Ba. Billi investiment fit-tul f'kumpaniji biex tissaħħaħ il-kompetittività globali jsir dejjem iżjed diffiċli li jsir minħabba x-xewqa għal qligħ finanzjarju fi żmien qasir;

Or. en

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 3

Premessa C a (ġdida)

Ca. Billi l-governanza korporattiva jew it-tmexxija tajba tan-negozju ma tistax tiġi evalwata biss f'termini ta' rendiment jew ta' ġestjoni finanzjarja, iżda jridu jitqiesu wkoll r-riżorsi umani tal-kumpanija, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-ħidma għall-kisba ta' għanijiet ambjentali u soċjali;

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 4

Paragrafu 1

mħassar

Or. de

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 5

Paragrafu 2

mħassar

Or. de

Emenda mressqa minn Zsolt László Becsey

Emenda 6

Paragrafu 3

3. Se jilqa' eżaminazzjoni aktar profonda ta' l-effetti ekonomiċi tal-miżuri FSAP fid-dawl ta' l-Istrateġija ta' Liżbona; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tikkummissjona studji bħal dawn flimkien ma' rapporti dwar il-progress annwali tagħha u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni; ***jerġa' jtenni l-ħtieġa li l-Kummissjoni tagħmel inkjesta fil-fond dwar il-miżuri FSAP stabbiliti b'attenzjoni speċjali fuq il-pajjiżi li qed jibbenefikaw mill-implimentazzjoni tal-miżuri FSAP u fuq id-daqs tal-profitti li jaqilgħu l-pajjiżi benefiċjarji mill-konsolidazzjoni tas-suq finanzjarju;***

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 7
Paragrafu 3

3. Jilqa' pożittivament eżami aktar fil-fond ta' l-effetti ekonomiċi tal-miżuri FSAP, fid-dawl ta' l-istrategġija ta' l-Aġenda ta' Liżbona **u l-bżonnijiet ta' finanzjament ta' l-ekonomija reali**; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkummissjona studji bħal dawn, flimkien mar-rapporti ta' progress annwali tagħha u mal-kontrolli ta' implimentazzjoni tagħha;

Or. fr

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 8
Paragrafu 3 a (ġdid)

- 3a. Iqis l-importanza ta' l-ostakoli fiskali persistenti li jagħmlu ħsara lill-integrazzjoni tas-suq finanzjarju Ewropew;**

Or. fr

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 9
Paragrafu 4

4. **(Tħassir)** Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali sabiex jinfurzaw b'attenzjoni r-regoli ta' kompetizzjoni tal-KE **jekk fis-servizzi finanzjarji jkun hemm xi konċentrazzjoni tas-suq li tkun kontra l-liġi**; jenfasizza l-bżonn li jkun hemm proċeduri aċċessibbli għat-tressiq ta' ilmenti u rimedji; u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-perspettiva ta' l-utenti.

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 10
Paragrafu 4

4. Jinnota konċentrazzjoni għolja **u preokkupanti** tas-suq fl-ogħla livell tas-servizzi finanzjarji għal kumpaniji kbar ikkwotati fil-Borża, speċjalment kumpaniji ta' verifika, aġenziji ta' credit rating (CRAs) u banek ta' l-investment; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u

lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali sabiex jinfurzaw ***b'mod aktar riġidu*** r-regoli ta' kompetizzjoni tal-KE; jenfasizza l-bżonn li jkun hemm proċeduri aċċessibbli għat-tressiq ta' lmenti u rimedji u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-perspettiva ta' l-utenti ***u l-interessi tal-ħaddiema f'dan is-settur***;

Or. de

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 11
Paragrafu 4

4. Jinnota konċentrazzjoni għolja tas-suq fl-ogħla livell tas-servizzi finanzjarji għal kumpaniji kbar ikkwotati fil-Borża, speċjalment kumpaniji ta' verifika, aġenziji ta' credit rating (CRAs) u banek ta' l-investment; Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali sabiex jinfurzaw b'attenzjoni r-regoli ta' kompetizzjoni tal-KE; jenfasizza l-bżonn li jkun hemm proċeduri aċċessibbli għat-tressiq ta' ilmenti u rimedji; u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-perspettiva ta' l-utenti; ***jinnota li l-konċentrazzjoni għolja tas-suq mhix problema fiha nnfisha, iżda tista' twassal għal problemi jekk l-implimentazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni ma tkunx b'saħħitha daqs kemm għandha tkun;***

Or. en

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 12
Paragrafu 4

4. Jinnota konċentrazzjoni għolja tas-suq fl-ogħla livell tas-servizzi finanzjarji għal kumpaniji kbar ikkwotati fil-Borża, speċjalment kumpaniji ta' verifika, aġenziji ta' credit rating (CRAs) u banek ta' l-investment; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali sabiex jinfurzaw b'attenzjoni r-regoli ta' kompetizzjoni tal-KE ***u biex jinkoraġġixxu użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' softwer moderni biex b'hekk jippromwovu aċċess għas-suq diż-intermedjarju u dirett għall-investitur aħħari***; jenfasizza l-bżonn li jkun hemm proċeduri aċċessibbli għat-tressiq ta' ilmenti u rimedji; u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-perspettiva ta' l-utenti;

Or. en

Emenda mressqa minn Antonis Samaras

Emenda 13
Paragrafu 4

4. Jinnota konċentrazzjoni għolja tas-suq fl-ogħla livell tas-servizzi finanzjarji għal

kumpaniji kbar ikkwotati fil-Borża, speċjalment kumpaniji ta' verifika, aġenziji ta' credit rating (CRAs) u banek ta' l-investment; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali sabiex jinfurzaw b'attenzjoni r-regoli ta' kompetizzjoni tal-KE **u biex jinkoraġġixxu użu usa' ta' soluzzjonijiet ta' softwer moderni biex b'hekk jippromwovu aċċess għas-suq diż-intermedjarju u dirett għall-investitur aħħari**; jenfasizza l-bżonn li jkun hemm proċeduri aċċessibbli għat-tressiq ta' ilmenti u rimedji; u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-perspettiva ta' l-utenti;

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 14
Paragrafu 4

4. Jinnota konċentrazzjoni qawwija tas-suq fis-settur superjuri tas-servizzi finanzjarji għal kumpaniji kbar kwotati fil-Borża, partikolarment il-kumpaniji ta' verifika, l-aġenziji ta' 'credit rating' u l-banek ta' investment; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni biex japplikaw b'attenzjoni r-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni **għal dawn il-parteċipanti**; jenfasizza l-ħtieġa ta' proċeduri ta' ilment u ta' appell li jkunu aċċessibli u jstieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra kif suppost il-perspettiva ta' l-utenti;

Or. fr

Emenda mressqa minn Andrea Losco, Lapo Pistelli

Emenda 15
Paragrafu 4 a (ġdid)

- 4a. **Huwa kuntent bl-approvazzjoni riċenti tad-direttiva proposta dwar ir-riforma ta' l-Artikolu 19 tad-Direttiva Bankarja li tfasslet mill-ġdid u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bil-ħidma tagħha favur it-tneħħija ta' l-ostakoli li jxekklu l-inkorporazzjonijiet (mergers) u l-akkwist transkonfinali, kif identifikat fil-konsultazzjoni ta' l-2005 u fir-Rapport Interim li segwa wara;**

Or. en

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 16
Paragrafu 4 a (ġdid)

- 4a. **Jenfasizza l-ħtieġa li jitneħħew il-barrieri għall-parteċipanti l-ġodda kif ukoll il-**

ħtieġa li titneħħa l-leġiżlazzjoni favur responsabilitajiet u strutturi kurrenti tas-suq fejn il-kompetizzjoni tkun limitata;

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 17
Paragrafu 5

5. Jenfasizza l-bżonn fost is-CRAs għat-trasparenza tal-miżati u d-**divrenzjar** ta' attivitajiet ta' klassifikazzjoni u **servizzi anċillari**; jenfasizza li s-CRAs għandhom irwol pubbliku f'per eżempju c-CRD u li għalhekk huma għandhom ikollhom standards għoljin ta' aċċessibilità, kwalità u affidabilità; iħeġġeġ lill-**Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet għat-Titoli (IOSCO)** u s-CESR **biex ikomplu jimmoniterjaw il-konformità tas-CRAs mal-kodiċi ta' kondotta tal-IOSCO (tħassir)**;

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 18
Paragrafu 5

5. Jenfasizza l-bżonn fost is-CRAs għat-trasparenza tal-miżati u s-separazzjoni ta' attivitajiet ta' klassifikazzjoni u konsultazzjoni u ta' l-ispejjeż relatati; jenfasizza li s-CRAs għandhom irwol pubbliku f'per eżempju s-CRD u li għalhekk huma għandhom ikollhom standards għoljin ta' aċċessibilità, **trasparenza**, kwalità u affidabilità, **li jgħodd ukoll għall-intrapriżi regolati korrispondenti (p.e. l-banek)**; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni għat-Titoli u l-Kambju (SEC) u s-CESR sabiex jimmoniterjaw lis-CRAs fuq il-bażi tal-kodiċi ta' kondotta ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli sabiex tagħti parir dwar jekk hemmx bżonn ta' aktar miżuri regolatorji;

Or. de

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 19
Paragrafu 5

5. Jenfasizza l-bżonn fost is-CRAs għat-trasparenza tal-miżati u s-separazzjoni ta' attivitajiet ta' klassifikazzjoni u konsultazzjoni u ta' l-ispejjeż relatati; **huwa konvint li l-kriterji ta' evalwazzjoni u l-mudell tan-negozju użati mis-CRAs għad iridu jiġu ċċarati**; jenfasizza li s-CRAs għandhom irwol pubbliku f'per eżempju c-CRD u li għalhekk huma għandhom ikollhom standards għoljin ta' aċċessibilità, kwalità u

affidabilità; Iħeġġeġ lill-Kummissjoni għat-Titoli u l-Kambju (SEC) u s-CESR sabiex jimmoniterjaw lis-CRAs fuq il-bażi tal-kodiċi ta' kondotta ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli sabiex tagħti parir dwar jekk hemmx bżonn ta' aktar miżuri regolatorji;

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 20
Paragrafu 5 a (ġdid)

5a. Jistieden lill-parteciċipanti Ewropej jikkunsidraw jekk għandhomx jinkorraġixxu l-evoluzzjoni ta' parteċipant speċifiku Ewropew fis-settur ta' l-aġenziji ta' 'credit rating';

Or. fr

Emenda mressqa minn Antonis Samaras

Emenda 21
Paragrafu 6

6. Wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/39/KE¹ dwar swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID), jantiċipa iżjed kompetizzjoni fost il-pjattaformi tal-kummerċ, **u l-intermedjarji finanzjarji**, iżda wkoll iktar konsolidazzjoni **fosthom u anke bejniethom**; jemmen li hemm bżonn ta' konverġenza trans-Atlantika *qawwija* ta' regoli **tas-suq finanzjarju** u ta' Prattiki ta' superviżjoni; jenfasizza li tmexxija tajba hija imperattiva u li l-inflwenza ta' utenti ma *għandhiex* titħassar minħabba li s-sjeda tinbidel;

Or. en

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 22
Paragrafu 6

6. Wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/39/KE² dwar swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID), jantiċipa iżjed kompetizzjoni fost il-pjattaformi tal-kummerċ, **u l-intermedjarji finanzjarji**, iżda wkoll iktar konsolidazzjoni **fosthom u anke**

¹ ĠU L 145, 30.4.2004, pġ. 1.

² ĠU L 145, 30.4.2004, pġ. 1.

bejniethom; jemma li hemm bżonn ta' konverġenza trans-Atlantika *qawwiya* ta' regoli *tas-suq finanzjarju* u ta' prattiki ta' superviżjoni; jenfasizza li tmexxija tajba hija imperattiva u li l-influwenza ta' utenti ma *għandhiex* titħassar minħabba li s-sjieda tinbidel;

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 23
Paragrafu 6

6. Wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/39/KE¹ dwar swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID), jantiċipa iżjed kompetizzjoni fost il-pjattaformi tal-kummerċ, iżda wkoll iktar konsolidazzjoni tal-Boroż il-kbar; jemma li hemm bżonn ta' konverġenza qawwiya trans-Atlantika ta' regoli u ta' prattiki ta' superviżjoni; jenfasizza li tmexxija tajba hija imperattiva u li l-influwenza ta' utenti ***kif ukoll id-drittijiet tal-ħaddiema impjegati f'dan is-settur*** ma ***għandhomx jitħassru*** minħabba li s-sjieda tinbidel;

Or. de

Amendment by Alexander Radwan

Amendment 24
Paragraph 6

6. Wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/39/KE dwar swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID), jantiċipa iżjed kompetizzjoni fost il-pjattaformi tal-kummerċ, iżda wkoll iktar konsolidazzjoni tal-Boroż il-kbar; jemma li hemm bżonn ta' konverġenza qawwiya trans-Atlantika ta' regoli u ta' prattiki ta' superviżjoni; jenfasizza li tmexxija tajba hija imperattiva u li l-influwenza ta' utenti ma *għandhiex* titħassar minħabba li s-sjieda tinbidel;

Or. de

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 25
Paragrafu 6

6. Wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/39/KE² dwar swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID), jantiċipa iżjed kompetizzjoni fost il-pjattaformi tal-kummerċ, iżda wkoll iktar konsolidazzjoni tal-Boroż il-kbar; jemma li hemm bżonn ta' konverġenza

¹ ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

² ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

trans-Atlantika qawwija ta' regoli u ta' Prattiki ta' superviżjoni, **li tevita l-impożizzjoni ta' regoli extra-territorjali**; jenfasizza li tmexxija tajba hija imperattiva u li l-influwenza ta' utenti ma *għandhiex* titħassar minħabba li s-sjieda tinbidel;

Or. en

Amendment by Margarita Starkevičiūtė

Emenda 26
Paragrafu 6

6. Wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/39/KE dwar swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID), jantiċipa iżjed kompetizzjoni fost il-pjattaformi tal-kummerċ, iżda wkoll iktar konsolidazzjoni tal-Boroż il-kbar; jemmen li hemm bżonn ta' konverġenza trans-Atlantika qawwija ta' regoli u ta' Prattiki ta' superviżjoni **li ma jdgġajfux l-approċċ ibbażat fuq il-prinċipju**; jenfasizza li tmexxija tajba hija imperattiva u li l-influwenza ta' utenti ma *għandhiex* titħassar minħabba li s-sjieda tinbidel;

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 27
Paragrafu 7

7. **(tħassir) Jerġa'** jtenni l-bżonn li titjeb l-infrastruttura wara l-kummerċ kemm bil-għan li jkun hemm trasparenza fil-prezz u kompetizzjoni u kemm fl-interess pubbliku ta' sigurtà tat-twettiq; Għandu l-intenzjoni li jagħmel skrutinju ta' l-iżviluppi relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta u l-proġett tat-titoli TARGET 2 f'dan il-kuntest;

Or. de

Emenda mressqa minn Zsolt László Becsey

Emenda 28
Paragrafu 7

7. Filwaqt li jitlob li jkun hemm progress fit-tneħħija ta' ostakoli oħra identifikati fir-Rapport Giovannini ta' l-2001, jerġa' jtenni l-bżonn li titjeb l-infrastruttura wara l-kummerċ kemm bil-għan li jkun hemm trasparenza fil-prezz u kompetizzjoni u kemm fl-interess pubbliku ta' sigurtà tat-twettiq; Għandu l-intenzjoni li jagħmel skrutinju ta' l-iżviluppi relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta u l-proġett tat-titoli TARGET 2 f'dan il-kuntest; **barra minn dan, jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura l-infurzar konsistenti ta' l-Artikolu 34 tal-MiFID li jitlob lill-boroż biex jipprovdur lill-utenti kollha tagħhom l-għażla li jagħżlu s-sistema ta' sistemazzjoni li fiha jkun jridu jwettqu t-tranżazzjonijiet tagħhom fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' ishja transkonfinali; Għalhekk, ikun apprezzat jekk il-Kummissjoni tfassal gwida biex tħeġġeġ lill-Istati Membri biex idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 34 tal-MiFID;**

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 29
Paragrafu 7

7. Filwaqt li jitlob li jkun hemm progress fit-tneħħija ta' ostakoli oħra identifikati fir-Rapport Giovannini ta' l-2001, jerġa' jtenni l-bżonn li titjeb l-infrastruttura wara l-kummerç kemm bil-għan li jkun hemm trasparenza fil-prezz u kompetizzjoni u kemm fl-interess pubbliku ta' sigurtà tat-twertiq; Għandu l-intenzjoni li jagħmel skrutinju ta' l-iżviluppi relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta u l-proġett tat-titoli TARGET 2 f'dan il-kuntest; ***huwa ħerqan fuq kollox dwar l-iżvilupp ta' Governance xierqa, li jagħmel tajjeb għall-fenomenu fejn l-istess parti tkun il-parteċipant fis-suq u s-sorveljant fl-istess ħin;***

Or. de

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 30
Paragrafu 7

7. Filwaqt li jitlob li jkun hemm progress fit-tneħħija ta' ostakoli oħra identifikati fir-Rapport Giovannini ta' l-2001, jerġa' jtenni l-bżonn li titjeb l-infrastruttura wara l-kummerç kemm bil-għan li jkun hemm trasparenza fil-prezz u kompetizzjoni u kemm fl-interess pubbliku ta' sigurtà tat-twertiq; ***jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li qabel xejn isserraħ fuq strumenti tal-liġi li torbot, jiġifieri l-Kodiċi ta' Kondotta, u għandu l-intenzjoni li jagħmel skrutinju ta' l-iżviluppi relatati mal-Kodiċi ta' Kondotta kif ukoll tal-proġett tat-titoli TARGET 2 f'dan il-kuntest;***

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 31
Paragrafu 7 a (ġdid)

- 7a. ***Jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi, mingħajr aktar dewmien, l-inizjattivi leġiżlattivi meħtieġa biex tabolixxi kompletament l-ostakoli identifikati fir-rapport Giovanini;***

Or. fr

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 32
Paragrafu 8

imħassar

Or. en

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 33
Paragrafu 8

8. Jinnota l-influwenza dejjem tikber ta' *l-irwol ta' l-intermedjarji finanzjarji fir-rigward tal-ħarsien ta' l-assi tanġibbli tal-konsumaturi miżmuma permezz ta' sistemi ta' investiment indiretti*; jitlob lill-Kummissjoni *biex tippreżenta miżuri ffukati kontra r-riskju tad-dominanza tas-suq, ta' l-abbuż mis-suq u ta' kunflitti ta' interess minn tali intermedjarji*, biex timmoniterja *mill-viċin* l-effetti tad-direttiva li għad trid issir dwar l-eżerċitar tad-drittijiet ta' votazzjoni minn azzjonisti rreġistrati ta' kumpaniji (COM (2005)0685), li tiffaċilita l-votazzjoni *u biex tinkoraġġixxi b'mod indaqs l-użu ta' sistemi ta' investiment diretti*;

Or. en

Emenda mressqa minn Antonis Samaras

Emenda 34
Paragrafu 8

8. Jinnota l-influwenza dejjem tikber ta' *l-irwol ta' l-intermedjarji finanzjarji fir-rigward tal-ħarsien ta' l-assi tanġibbli tal-konsumaturi miżmuma permezz ta' sistemi ta' investiment indiretti*; jitlob lill-Kummissjoni *biex tippreżenta miżuri ffukati kontra r-riskju tad-dominanza tas-suq, ta' l-abbuż mis-suq u ta' kunflitti ta' interess minn tali intermedjarji*, biex timmoniterja *mill-viċin* l-effetti tad-direttiva li għad trid issir dwar l-eżerċitar tad-drittijiet ta' votazzjoni minn azzjonisti rreġistrati ta' kumpaniji (COM (2005)0685), li tiffaċilita l-votazzjoni *u biex tinkoraġġixxi b'mod indaqs l-użu ta' sistemi ta' investiment diretti*;

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 35

Paragrafu 8 a (ġdid)

8a. *jesprimi t-tħassib tiegħu għall-proporzjon għoli ta' kumpaniji ta' servizz finanzjarju fl-Istati Membri ġodda li huma totalment jew parzjalment f'idejn barranin, li l-ewwelnett jagħmilha diffiċli għall-awtoritajiet ta' sorveljanza f'dawn il-pajjiżi li jwettqu superviżjoni u kontroll effettivi u, flimkien ma' dan, li l-interessi u l-bżonnijiet ta' l-ekonomiji ta' l-Istati Membri ġodda normalment ikollhom rwol żgħir fl-istrateġiji segwiti mill-uffiċċji ċentrali tal-kumpaniji kbar ibbażati barra l-pajjiż;*

Or. de

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 36

Paragrafu 9

9. ***(tħassir)*** Jilqa' b'sudisfazzjon iż-żieda tal-viġilanza tas-sorveljanti ***f'***każijiet ċari ta' manipulazzjoni tas-suq, 'insider dealing' jew 'front-running' ***(tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco

Emenda 37

Paragrafu 9

9. ***(tħassir)*** Jilqa' b'sudisfazzjon iż-żieda tal-viġilanza tas-sorveljanti ta' każijiet ċari ta' manipulazzjoni tas-suq, 'insider dealing' jew 'front-running' ***(tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 38

Paragrafu 9

9. ***(tħassir)*** Jilqa' b'sudisfazzjon iż-żieda tal-viġilanza tas-sorveljanti ta' każijiet ċari ta' manipulazzjoni tas-suq, 'insider dealing' jew 'front-running' ***(tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 39

Paragrafu 9

9. (*tħassir*) jilqa' b'sudisfazzjon iż-żieda tal-viġilanza tas-sorveljanti ta' każijiet ċari ta' manipulazzjoni tas-suq, 'insider dealing' jew 'front-running'; ihegġegħ lill-Kummissjoni b'koperazzjoni mar-regolaturi ta' l-Istati Uniti sabiex tibda inkjesta fil-fond tas-settur dwar jekk il-kodiċi ta' kondotta intern u l-'ħitan Ċiniżi' (Chinese walls - investituri jinfirdu b'mod fiżiku fil-Borża sabiex ma jinfluwenzawx lil xulxin) humiex adegwati għal kisba ta' livell xieraq ta' tmexxija korporattiva u trasparenza tas-suq u sabiex tevita kunflitti ta' interess;

Or. en

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 40

Paragrafu 9

9. Javża li numru żgħir ta' banek ta' l-investment kbar jipprovdu servizzi lil min joħroġ it-titoli u lill-investituri f'karigi għoljin kollha, inkluż lilhom infushom; jilqa' b'sudisfazzjon iż-żieda tal-viġilanza tas-sorveljanti ta' każijiet ċari ta' manipulazzjoni tas-suq, 'insider dealing', (*tħassir*) 'front-running', *skrutinju ta' inċentivi u l-aqwa eżekuzzjoni*; ihegġegħ lill-Kummissjoni b'koperazzjoni mar-regolaturi ta' l-Istati Uniti sabiex tibda inkjesta fil-fond tas-settur dwar jekk *is-salvagwardji meħtieġa, bħall-* kodiċi ta' kondotta intern, (*tħassir*) il-'ħitan Ċiniżi' (Chinese walls - investituri jinfirdu b'mod fiżiku fil-Borża sabiex ma jinfluwenzawx lil xulxin) *u oħrajn*, humiex adegwati għal kisba ta' livell xieraq ta' tmexxija korporattiva u trasparenza tas-suq u sabiex tevita kunflitti ta' interess;

Or. en

Emenda mressqa minn Antonis Samaras

Emenda 41

Paragrafu 9

9. Javża li numru żgħir ta' banek ta' l-investment kbar jipprovdu servizzi lil min joħroġ it-titoli u lill-investituri f'karigi għoljin kollha, inkluż lilhom infushom; jilqa' b'sudisfazzjon iż-żieda tal-viġilanza tas-sorveljanti ta' każijiet ċari ta' manipulazzjoni tas-suq, 'insider dealing', (*tħassir*) 'front-running'; *skrutinju ta' inċentivi u l-aqwa eżekuzzjoni*; ihegġegħ lill-Kummissjoni b'koperazzjoni mar-regolaturi ta' l-Istati Uniti sabiex tibda inkjesta fil-fond tas-settur dwar jekk *is-salvagwardji meħtieġa, bħall-* kodiċi ta' kondotta intern, (*tħassir*) il-'ħitan Ċiniżi' (Chinese walls - investituri jinfirdu

b'mod fiżiku fil-Borża sabiex ma jinfluenzawx lil xulxin) *eċċ*, humiex adegwati għal kisba ta' livell xieraq ta' tmexxija korporattiva u trasparenza tas-suq u sabiex tevita kunflitti ta' interess;

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 42
Paragrafu 9 a (ġdid)

9a. *Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-indipendenza ta' analisti finanzjarji u tal-fornituri tad-dejta dwar is-suq finanzjarju permezz ta' struttura ta' finanzjament trasparenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjonijiet li għadhom mhux solvuti mill-MAD u l-MiFID fir-rigward tad-distinzjoni bejn "analisti finanzjarji" u "informazzjoni oħra";*

Or. en

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 43
Paragrafu 9 a (ġdid)

9a. *Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat finanzjament fit-tul sabiex jiġu realizzati investimenti fit-tul sabiex tintlaħaq l-Istrateġija ta' Liżbona-Göteborg; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kontradizzjonijiet bejn il-ħtieġa għal investment fit-tul fil-kompettitività globali tal-kumpaniji u l-orjentazzjoni immedjata (short-term) ta' l-industrija tal-fondi tal-hedge funds;*

Or. en

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 44
Paragrafu 9 b (ġdid)

9b. *Iwissi dwar l-impatti negattivi ta' l-istrateġija għal medda qasira ta' żmien u tal-forom ta' investimenti riskjużi ħafna fuq l-ekonomija reali, b'mod speċjali fuq l-SMEs ta' daqs medju u dawk immexxija mill-familji, fuq il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; iwissi wkoll dwar l-effetti negattivi fuq il-produttività, l-effiċjenza għaż-żmien fit-tul u l-innovazzjoni ta' kumpaniji u industrij li jinvestu fihom il-hedge funds;*

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 45
Paragrafu 9 c (ġdid)

- 9c. ***Jiddispjaċiħ li minħabba nuqqas ta' trasparenza u minħabba li kważi ma jeżistu l-ebda obblgi ta' żvelar, ġeneralment huwa diffiċli li tinġabar informazzjoni dwar l-industrija tal-hedge funds; ifakkar li l-monitoraġġ effettiv tas-swieq finanzjarji ma jistax ikun possibbli mingħajr it-trasparenza;***

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 46
Paragrafu 10

10. Huwa konxju miż-żieda qawwija ta' strumenti alternattivi ta' investiment (hedge funds u ekwitajiet privati), ***(tħassir)*** li jistgħu jwasslu wkoll għal riskju sistemiku, għal livelli ta' lieva finanzjarji dejjem jogħlew u għal proporzjon tad-dejn (id-dejn kapitali diviż mit-total ta' l-assi) għal kumpaniji u għal livelli għolja ta' esponiment ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra; ***jesprimi t-tħassib tiegħu għall-fatt li dawn l-istrumenti ta' investiment huma magħmulin apposta biex ikunu kompletament neqsin mit-trasparenza, u b'hekk ma jħallux lil investituri oħra jiksbu informazzjoni dwar l-istrateġiji tagħhom;***

Or. de

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 47
Paragrafu 10

10. Huwa konxju miż-żieda qawwija ta' strumenti alternattivi ta' investiment (hedge funds u ekwitajiet privati) li jipprovdu likwidità u diversifikazzjoni fis-suq, iżda li jistgħu jwasslu wkoll għal riskju sistemiku ***(tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 48
Paragrafu 10

10. Huwa konxju miż-żieda qawwija ta' strumenti alternattivi ta' investment (hedge funds u ekwitajiet privati) li jipprovdu likwidità u diversifikazzjoni fis-suq, ***u mit-tħassib espressi minn xi wħud li dawn*** jistgħu jwasslu wkoll għal riskju sistemiku, għal livelli ta' lieva finanzjarji dejjem jogħlew u għal proporzjon tad-dejn (id-dejn kapitali diviż mit-total ta' l-assi) għal kumpaniji u għal livelli għolja ta' esponiment ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

Or. en

Emenda 49
Paragrafu 10

10. hu konxju bi sħiħ ta' l-iżvilupp mgħaġġel ta' strumenti ta' investment alternattiv ('hedge funds' u '***private equity***') li jipprovdu likwidità u diversifikazzjoni fis-suq, iżda li jistgħu jirriżultaw ukoll f'riskji sistematiċi, iżidu l-effetti ta' qawwa u r-rata ta' dejn tal- kumpaniji, jipprovokaw livelli għolja ta' espożizzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, ***u jiggwidaw it-tfaddil likwidu f'direzzjonijiet li jistgħu jġibu konsegwenzi soċjali konsiderevoli;***

Or. fr

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 50
Paragrafu 10

10. Huwa konxju miż-żieda qawwija ta' strumenti alternattivi ta' investment (hedge funds u ekwitajiet privati) li jipprovdu likwidità u diversifikazzjoni fis-suq, iżda li jistgħu jwasslu wkoll għal riskju sistemiku, (***kif intwera, pereżempju, fil-każ ta' LCTM li għoddha kkollassat f'Settembru 1998***), għal livelli ta' lieva finanzjarji dejjem jogħlew u għal proporzjon tad-dejn (id-dejn kapitali diviż mit-total ta' l-assi) għal kumpaniji u għal livelli għolja ta' esponiment ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

Or. en

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 51

Paragrafu 10 a (ġdid)

10a. Jaqsam it-tħassib espress mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-Bank Dinji, fost oħrajn, dwar il-hedge funds;

Or. en

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 52

Paragrafu 10 b (ġdid)

10b. Huwa tal-fehma li r-riskji sistematiċi li jgħorru l-hedge funds (eżempji, ir-riskju tad-distabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji, ta' l-abbuż mis-suq, tal-manipulazzjoni potenzjali tal-prezzijiet tas-suq,...), huma raġuni qawwija sabiex jintalab li jkun hemm l-iżvelar, it-trasparenza u r-regolamentazzjoni, bħalma hu l-każ tal-banek kummerċjali u tal-bankijiet ta' investiment;

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 53

Paragrafu 10.000000 a (ġdid)

10a. Jiġbed l-attenzjoni dwar l-isfidi strutturali bla preċedent li se tiffaċċja 'l quddiem l-industrija tal-fondi ta' l-UE; jirrimarka l-ħtieġa ta' iżjed inizjattivi biex jiġi stimulat id-dibattitu dwar jekk hemmx bżonn rispošta fuq il-livell ta' l-UE u, dwar il-forma ta' miżuri possibbli;

Or. en

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 54

Paragrafu 10 a (ġdid)

10a. Madankollu jirrikonoxxi li fl-Ewropa diġà hemm regolament dwar il-manijers tal-hedge funds;

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 55
Paragrafu 11

11. ***Jilqa' l-istudji riċenti tal-Kummissjoni dwar il-hedge funds u ekwitajiet privati iżda jitlob għal iżjed monitoraġġ fuq ix-xogħol tas-settur speċifiku tar-regolaturi tal-manijers tal-hedge funds fil-kuntest tas-CESR u ta' l-IOSCO;***

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 56
Paragrafu 11

11. ***Jenfasizza l-ħtieġa tal-Kummissjoni li tibqa' timmonitorja x-xogħol tas-settur speċifiku tar-regolaturi ta' fondi bħal dawn, inklużi l-IOSCO u l-awtoritajiet kompetenti fi swieq fejn fondi bħal dawn huma komuni, bħala parti mid-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti;***

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 57
Paragrafu 11

11. ***Jistieden lill-Kummissjoni biex timmonitorja kwalunkwe nuqqas potenzjali fir-rekwiżiti ta' żvelar b'kunsiderazzjoni għal tmexxija korporattiva u l-politika ta' l-investment (*tħassir*);***

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 58
Paragrafu 11

11. ***Jiddispjaċih li sa issa l-istudji tal-Kummissjoni ffukaw fuq ostakoli għat-**tkabbir** ta' fondi bħal dawn (*tħassir*); jitlob li jkun hemm approċċ usa' u iktar kritiku **fir-rigward tal-punt sa fejn il-hedge funds ipoġġu friskju lill-istabbiltà finanzjarja u l-objettiv*****

li jiġi evitat l-abbuż mis-suq kif ukoll fir-rigward tal-punt sa fejn il-klijenti bl-imnut għandhom jitħallew jinvestu b'mod dirett fil-hedge funds;

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 59
Paragrafu 11

11. Jiddispjaċih li l-istudji ***ffinanzjati*** mill-Kummissjoni, ***li fihom jidħlu biss professjonisti minn dan is-settur tas-suq***, sa issa iffokaw biss fuq l-ostakoli għat-
tkabbir ta' fondi bħal dawn, ***mingħajr taw każ il-perspettivi tal-parteċipanti kollha***, u mhux dwar nuqqasijiet fir-rekwiżiti ta' kxif fir-rigward tat-tmexxija korporattiva u tal-politika ta' investment, u lanqas dwar l-addattament ta' regoli dwar il-livell ta' effett ta' qawwa kif ukoll dwar l-immanniġġjar tar-riskju u d-diversifikazzjoni; jitlob li jiġi adottat approċċ aktar ***ibbilanċjat*** u iktar kritiku;

Or. fr

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 60
Paragrafu 11 a (ġdid)

- 11a. ***Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li gruppi ta' esperti bdew ħidma fuq direttivi dwar il-kondotta effiċjenti ta' negozju transkonfinali ta' dawn il-fondi, iżda jqis l-istruttura ta' dawn il-gruppi fundamentalment żbaljata, peress li l-uniċi rappreżentanti barranin inklużi fihom huma lobbyists għas-settur ikkonċernat u għalhekk m'hemmx rappreżentanti ta' għaqdiet tal-ħaddiema jew tal-federazzjonijiet tagħhom biex jitkellmu għall-impjegati fil-kumpaniji kkonċernati; iqis il-mandat ta' dawn il-gruppi ta' ħidma mhux suffiċjenti peress li ma jikkunsidrax ir-riskji u l-iżvantaġġi ta' l-attivitajiet ta' dawn il-fondi, inklużi distorsjonijiet ta' l-ekonomija u tal-politika ta' l-impjiegi;***

Or. de

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 61
Paragrafu 11 b (ġdid)

- 11b. ***Jemmen li huwa neċessarju li fid-direttivi għan-negozji ta' hedge funds u ekwitajiet***

privati jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- *rekwiżiti minimi għal kapital proprju għal fondi bħal dawn,*
- *inklużjoni ta' l-ammont sħiħ fi qligħ kapitali fit-tassazzjoni fuq id-dħul u l-profitti fil-pajjiż tal-kumpanija ta' tmexxija kkonċernata,*
- *obbligu ta' reġistrazzjoni*
- *obbligu ta' rivelazzjoni ta' l-istruttura ta' l-assi u l-proprjetà u t-tranżazzjonijiet kurrenti,*
- *informazzjoni dwar riski ta' investimenti u strateġiji ta' investimenti,*
- *introduzzjoni ta' limitu għan-notifikazzjoni fl-akkwiżizzjoni ta' partijiet sostanzjali minn kumpaniji kkwotati fuq il-Borża,*
- *inklużjoni ta' projbizzjoni ta' tislif ta' ishma għal ftit jiem bil-ħsieb li jiġu mmanipulati laqgħat ġenerali u l-prezzijiet,*
- *obbligu ta' notifikazzjoni ta' tislif ta' ishma,*
- *introduzzjoni ta' dritt ta' vot doppju għall-azzjonarji li jkunu żammew ishma għall-inqas sentejn ;*

Or. de

Emenda mressqa minn Alain Lipietz, Heide Rühle

Emenda 62

Paragrafu 11 a (ġdid)

11a. *Jenfasizza li l-maġġoranza vasta tal-hedge funds u ta' l-ekwitajiet privati huma stabbiliti f'ċentri li jinsabu 'l barra mix-xtut minħabba raġunijiet ta' regolamentazzjoni inqas rigoruża (light regulation) u ta' tnaqqis fit-taxxi; iqis li huwa essenzjali li tiġi indirizzata l-problema tat-tnaqqis fid-dħul mit-taxxi; f'sens aktar wiesa', iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tesplora modi biex tintaxxa movimenti spekulattivi ta' gruppi finanzjarji, bħall-hedge funds u l-ekwitajiet privati, sabiex tevita r-riskji assoċjati ma' l-irwol tagħhom li qiegħed dejjem jikber fis-sistema finanzjarja;*

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 63

Paragrafu 11 a (ġdid)

11a. *Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-differenzi fir-reġimi ta' l-istati membri għall-aċċess bl-imnut għal investimenti alternattivi, u b'mod partikulari biex tiddetermina l-kwalifiki adegwati għad-distributuri ta' prodotti bħal dawn lil investituri bl-imnut;*

Or. en

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 64
Paragrafu 11 a (ġdid)

11a. Jenfasizza l-ħtieġa għal analiżi usa' fir-rigward tar-riskji u l-benefiċċji ta' vetturi ta' investiment alternattiv, u dwar sa fejn dawn huma reklamati lil klijenti privati;

Or. en

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 65
Paragrafu 12

imħassar

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 66
Paragrafu 12

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tevalwa l-kwalità ta' superviżjoni f'lokazzjonijiet off-shore u sabiex iżżid il-koperazzjoni (**tħassir**);

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco, Lapo Pistelli

Emenda 67
Paragrafu 12

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tevalwa l-kwalità ta' superviżjoni f'lokazzjonijiet off-shore u sabiex iżżid il-koperazzjoni; **jilqa' l-mandat mogħti mill-pajjiżi tal-G7 lill-Forum ta' l-Istabilità Finanzjarja biex jaġġorna r-rapport tiegħu ta' l-2000 dwar l-industrija tal-hedge funds; jistenna li r-rapport jagħti attenzjoni partikulari lill-implikazzjonijiet tal-prodotti ta' investiment alternattiv fuq l-istabilità sistematika u li, abbażi ta' din l-analiżi, ikunu jistgħu jsiru rakkomandazzjonijiet ta' politika adegwata;**

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 68
Paragrafu 12

12. Iħeġġeġ immedjatament lill-Kummissjoni **biex tindirizza n-nuqqas ta'** superviżjoni ta' żoni extraterritorjali u biex **tinforza** l-koperazzjoni; jirrakkomandalha tissieħeb ma' l-Istati Uniti fit-tiftix għal miżuri ta' kumpens, bħall-impożizzjoni tat-taxxi fuq ċerti transazzjonijiet finanzjarji;

Or. fr

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 69
Paragrafu 12 a (ġdid)

- 12a. Jilqa' l-mandat mogħti mill-pajjiżi tal-G7 lill-Forum ta' l-Istabilità Finanzjarja biex jagħgħorna r-rapport tiegħu ta' l-2000 dwar l-industrija tal-hedge funds; jistenna li r-rapport jagħti attenzjoni partikulari lill-implikazzjonijiet tal-prodotti ta' investiment alternattiv fuq l-istabilità sistematika u li, abbażi ta' din l-analiżi, ikunu jistgħu jsiru rakkomandazzjonijiet ta' politika adegwata;**

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 70
Paragrafu 12 a (ġdid)

- 12a Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' l-iżvilupp tal-'private equity', biex tiegħu l-inizjattivi meħtieġa konsegwenzjalment fir-rigward tal-fedeltà ta' l-azzjonisti u ta' l-impjegati li jsiru azzjonisti;**

Or. fr

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 71
Paragrafu 13

13. **Huwa tal-fehma li t-tradizzjonijiet nazzjonali tal-ħarsien tal-konsumatur ma jridux jiġu interpretati b'tali mod li l-kompetituri l-ġodda jkun imfixkla fis-suq domestiku;**

jenfasizza l-ħtieġa għal suq intern li jaħdem tajjeb għas-servizzi finanzjarji; jinnota l-importanza ta' l-intermedjarji sabiex iġibu l-kompetizzjoni fis-swieq domestiċi Ewropej;

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 72
Paragrafu 13

13. Jinnota li l-integrazzjoni transkonfinali tas-swieq finanzjarji żgħar ta' l-UE għadha skarsa; jinnota li l-konsumaturi **għadhom** jippreferu istituzzjonijiet fiżiċi **u jużaw dejjem aktar istituzzjonijiet** virtwali, **u jinnota** għalhekk **li** struttura finanzjarja **tkun** prinċiparjament domestika; iwissi kontra t-taqlib tat-tradizzjonijiet nazżjonali tal-ħarsien tal-konsumatur u kontra sistemi legali għall-armonizzazzjoni uniformi għal kulħadd;

Or. de

Emenda mressqa minn Othmar Karas

Emenda 73
Paragrafu 13

13. Jinnota li l-integrazzjoni transkonfinali tas-swieq finanzjarji żgħar ta' l-UE **hija inqas komuni milli fil-qasam ta' l-ingrossa**; jinnota li l-konsumaturi jippreferu istituzzjonijiet fiżiċi milli virtwali, u għalhekk wieħed isib struttura finanzjarja prinċiparjament domestika; **jisħaq fuq il-benefiċċji ta' strutturi pluralistiċi fis-suq bankarju Ewropew li jissodisfaw il-bidliet differenti u li jinbidlu tal-klijenti**; iwissi kontra t-taqlib tat-tradizzjonijiet nazżjonali tal-ħarsien tal-konsumatur u kontra sistemi legali għall-armonizzazzjoni uniformi għal kulħadd;

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco, Lapo Pistelli

Emenda 74
Paragrafu 13

13. Jinnota li l-integrazzjoni transkonfinali tas-swieq finanzjarji żgħar ta' l-UE għadha skarsa; jinnota li l-konsumaturi **jużaw** istituzzjonijiet fiżiċi **u** virtwali; **jinnota** struttura finanzjarja prinċiparjament domestika; iwissi kontra t-taqlib tat-tradizzjonijiet nazżjonali tal-ħarsien tal-konsumatur u kontra sistemi legali għall-armonizzazzjoni

uniformi għal kulħadd; *huwa favur armonizzazzjoni sħiħa li tkun immirata - pereżempju, armonizzazzjoni sħiħa ta' aspetti ewlenin ta' suġġett partikulari li fejn xieraq issir flimkien ma' rikonixximent reċiproku għal aspetti li m'humiex armonizzati.*

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 75
Paragrafu 13

13. Jinnota li l-integrazzjoni transkonfinali tas-swieq finanzjarji żgħar ta' l-UE għadha skarsa; jinnota li l-konsumaturi *jużaw* istituzzjonijiet fiżiċi *iżjed* milli virtwali, u għalhekk wieħed isib struttura finanzjarja prinċiparjament domestika; iwissi kontra t-taqlib tat-tradizzjonijiet nazzjonali tal-ħarsien tal-konsumatur u kontra sistemi legali għall-armonizzazzjoni uniformi għal kulħadd;

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 76
Paragrafu 13

13. Jinnota li l-integrazzjoni transkonfinali tas-swieq finanzjarji żgħar ta' l-UE għadha skarsa *u li hemm il-ħtieġa ta' iżjed inizzjattivi regolatorji*; jinnota li l-konsumaturi jippreferu istituzzjonijiet fiżiċi milli virtwali, u għalhekk wieħed isib struttura finanzjarja prinċiparjament domestika; iwissi kontra t-taqlib tat-tradizzjonijiet nazzjonali tal-ħarsien tal-konsumatur u kontra sistemi legali għall-armonizzazzjoni uniformi għal kulħadd;

Or. en

Emenda mressqa minn Zsolt László Becsey

Emenda 77
Paragrafu 13 a (ġdid)

- 13a. *Jinnota li n-nuqqas ta' kapaċità preżenti biex jiġu promossi vetturi ta' investiment mhux armonizzati (hedge funds, fondi ta' ekwità u real estate funds) lil investituri istituzzjonali mingħajr reġistrazzjoni lokali jikkostitwixxi f'ristrizzjoni mhux ġustifikata fuq l-integrazzjoni tas-suq finanzjarju uniku; Jirrikonoxxi li reġim ta' pjazzament privat uniku għall-Ewropa kollha għal investituri sofistikati jista' jkun pass tajjeb 'l quddiem.*

Emenda mressqa minn Andrea Losco

Emenda 78
Paragrafu 14

14. Jippreferi approçè iktar iffukat indirizzat lejn ostakoli konkreti għal utenti transkonfinali li m'għandhomx post fiss; jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' eżempji ta' **28th Regimes li jkunu mmirati bir-reqqa**; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas xieraq ta' regolamentazzjoni, superviżjoni u ħarsien tal-konsumatur, sabiex jitħeġġu l-integrazzjoni u l-attività transkonfinali;

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 79
Paragrafu 14

14. Jippreferi approçè iktar iffukat indirizzat lejn ostakoli konkreti għal utenti transkonfinali li m'għandhomx post fiss **fl-użu ta' prodotti tas-settur finanzjarju; (tħassir)** jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas xieraq ta' regolamentazzjoni u superviżjoni, liġi kuntrattwali u ħarsien tal-konsumatur għal dawk il-prodotti li għandhom ikunu portabbli u rikonoxxuti reċiproċikament fl-Unjoni Ewropea;

Or. de

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 80
Paragrafu 14

14. Jippreferi approçè iktar iffukat indirizzat **lejn** ostakoli konkreti **li jaffettwaw** utenti transkonfinali li m'għandhomx post fiss; jinkoraġġixxi **lill-industrija finanzjarja biex tikkunsidra** l-iżvilupp ta' prodotti pilota finanzjarji pan-Ewropej bħal pensjonijiet, ipoteki **u** prodotti ta' l-assikurazzjoni **(tħassir)**, u jistieden lill-Kummissjoni **biex tikkunsidra l-fattibilità ta'** qafas xieraq ta' regolamentazzjoni u superviżjoni, liġi kuntrattwali, **tassazzjoni** u ħarsien tal-konsumatur **sabiex** il-prodotti **bħal dawn ikunu portabbli u rikonoxxuti b'mod reċiproku** fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 81
Paragrafu 14

14. Jippreferi approċ iktar iffukat indirizzat lejn ostakoli konkreti għal utenti transkonfinali li m'għandhomx post fiss; ***ifakkar li l-inkoraġġiment ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-mobbilità tal-ħaddiema hija essenzjali għall-iżvilupp tas-suq uniku u*** jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' prodotti pilota finanzjarji pan-Ewropej bħal pensjonijiet, ipoteki jew prodotti ta' l-assikurazzjoni mill-industrija finanzjarja u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas xieraq ta' regolamentazzjoni u superviżjoni, liġi kuntrattwali u ħarsien tal-konsumatur għal dawk il-prodotti li għandhom ikunu portabbli u rikonoxxuti reċiproċikament fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 82
Paragrafu 14

14. Jippreferi approċ iffokat aktar dwar il-barrieri konkreti kontra l-mobbilità ta' l-utenti transkonfinali; jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' prodotti pilota finanzjarji fuq livell Ewropew fis-settur finanzjarju bħall-pensjonijiet, l-ipoteki (***tħassir***), il-prodotti ta' assikurazzjoni ***u l-krediti lill-konsumatur***, u jistieden lill-Kummissjoni biex twaqqaf qafas xieraq ta' regolamentazzjoni u superviżjoni, ta' dritt kuntrattwali u ta' protezzjoni għall-konsumaturi biex prodotti bħal dawn ikunu trasportabbli u jibbenefikaw minn rikonoxximent reċiproku fl-Unjoni Ewropea;

Or. fr

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 83
Paragrafu 14

14. Jippreferi approċ iktar iffukat indirizzat lejn ostakoli konkreti għal utenti transkonfinali li m'għandhomx post fiss; jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' prodotti pilota finanzjarji pan-Ewropej bħal pensjonijiet, ipoteki jew prodotti ta' l-assikurazzjoni mill-industrija finanzjarja, ***biex jiġu akkwistati l-klijenti***; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas xieraq ta' regolamentazzjoni u superviżjoni, liġi kuntrattwali u ħarsien tal-konsumatur għal dawk il-prodotti li għandhom ikunu portabbli u rikonoxxuti reċiproċikament fl-Unjoni Ewropea;

Or. de

Emenda mressqa minn Udo Bullmann

Emenda 84
Paragrafu 14 a (ġdid)

14a. jenfasizza l-bżonn li l-istess riskji f'suq komuni Ewropew għall-prodotti finanzjarji jkunu kkontrollati mill-istess sigurtà u li r-rekwiżiti għall-kapital proprju jkunu fformulati rispettivament; jenfasizza li għat-trasparenza u l-ħarsien tal-konsumaturi, l-Istati Membri m'għandhomx jitħallew jinvolvu ruħhom f'kompetizzjoni b'livell baxx ta' sorveljanza u standards minimi;

Or. de

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 85
Paragrafu 14 a (ġdid)

14a. Jaqsam it-tħassib espress fil-punt 1.2.3 ta' l-Anness tal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-qafas Ewropew għall-fondi ta' investiment (COM(2005)0314) fir-rigward tal-ħruġ ta' fondi ta' garanzija f'uħud mill-Istati Membri mingħajr ir-rekwiżiti xierqa ta' kapital proprju, peress li l-protezzjoni tal-konsumatur hawnhekk hija insuffiċjenti; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, bil-ħsieb li jitħarsu l-konsumaturi b'mod effettiv, biex timla l-vojt fir-regolazzjoni Ewropea billi tistipula rekwiżiti xierqa ta' adegwatezza kapitali għall-fond ta' assigurazzjoni, billi jiġi rispettati il-prinċipju li r-rekwiżiti ta' sorveljanza għandhom ikunu l-istess kemm mill-perspettiva ta' kwalità, f'dawk li huma standards ta' mmaniġġjar ta' riskju, u mill-perspettiva ta' kwantità, fir-rigward ta' rekwiżiti ta' kapital ('l-istess riskju, l-istess kapital); iqis li hawnhekk għandu jifassal regolament Ewropew fuq il-bażi ta' regolamenti eżistenti dwar l-assigurazzjoni tal-ħajja ;

Or. de

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 86
Paragrafu 15

15. Jinnota l-inkjesta tas-settur rigward is-servizzi bankarji għall-konsumaturi individwali u s-sistemi ta' ħlas bil-kards li turi li hemm bżonn ta' titjib f'diversi oqsma, *jilqa' f'dan ir-rigward id-direttiva dwar is-servizzi ta' ħlas li mistennija ġgħib prekundizzjonijiet aħjar għall-kompetizzjoni f'dan il-qasam;*

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 87
Paragrafu 15

15. Ħa nota kif suppost ta' l-inkjesta settorjali dwar il-bank bl-imnut u s-sistemi tal-karti ta' ħlas ('payment card systems') li turi li hemm diversi setturi x'jitjiebu, iżda jwissi li l-ftuħ ta' sistemi li illum huma imperfetti m'għandux iwassal għal sitwazzjoni li fiha it-tisħiħ tal-konċentrazzjoni tas-suq jista' jservi **biex jagħmel ħsara lill-istruttura ġenerali tas-sistema ta' finanzjament ta' l-ekonomija Ewropea, lill-kwalità tas-servizzi lokali, u lill-opportunitajiet għall-SMEs biex jiksbu finanzjament li hu addattat għall-bżonnijiet tagħhom** u li jista' jwassal għal difetti ġodda u trażżin tal-prezzijiet;

Or. fr

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 88
Paragrafu 15

15. Jinnota l-inkjesta tas-settur rigward is-servizzi bankarji għall-konsumaturi individwali u s-sistemi ta' ħlas bil-kards li turi li hemm bżonn ta' titjib f'diversi oqsma, iżda javża li l-ftuħ totali ta' sistemi eżistenti imperfetti m'għandhomx iwasslu għal sitwazzjoni li fiha livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq, tista' toħloq imperfezzjonijiet ġodda u limitazzjonijiet tal-prezzijiet; **innota l-bżonn li jinfetħ l-aċċess għal reġistri ta' kreditu u sistemi ta' ħlas u jitlob li jiġu ċċarati iżjed il-passi konkreti li jmiss li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward;**

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco

Emenda 89
Paragrafu 15

15. Jinnota l-inkjesta tas-settur rigward is-servizzi bankarji għall-konsumaturi individwali u s-sistemi ta' ħlas bil-kards li turi li hemm bżonn ta' titjib f'diversi oqsma, iżda javża li l-ftuħ totali ta' sistemi eżistenti imperfetti m'għandhomx iwasslu għal sitwazzjoni li fiha livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq, tista' toħloq imperfezzjonijiet ġodda u limitazzjonijiet tal-prezzijiet; **innota l-bżonn li jinfetħ l-aċċess għal reġistri ta' kreditu u sistemi ta' ħlas u jitlob li jiġu ċċarati iżjed il-passi konkreti li jmiss li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward;**

Or. en

Emenda mressqa minn Zsolt László Becsey

Emenda 90

Paragrafu 15.000000 a (ġdid)

15a. Jisħaq li ż-żewġ elementi ta' l-arranġament SEPA, jiġifieri, it-trasferimenti ta' kreditu u d-debiti dirett se jidħlu fis-seħħ fl-2010. It-tielet element, li hu l-qafas tal-kards, se jiġi stabbilit mill-2008 'l quddiem. Id-Direttiva għas-Servizz ta' Pagament mistennija ġġib fornituri tas-servizz ġodda, bħal bejjiegħa, entitajiet li jagħtu l-flus u operaturi mobbli f'din il-linja tan-negozju. Minħabba dan, il-prezz ta' tranżazzjonijiet transkonfinali ta' pagament għall-bejgħ bl-imnut mistenni jonqos b'mod sinifikanti.

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 91

Paragrafu 15 a (ġdid)

15a. Huma mħasseb li l-għażla tal-klijent spiss tkun limitata għal prodotti bl-imnut tal-gruppi finanzjarji li joperaw domestikament; jinnota l-hteġa li jiġi faċilitat l-aċċess tal-klijenti għal prodotti ta' partijiet terzi permezz ta' l-infrastruttura eżistenti ta' dawn il-gruppi; jisħaq fuq l-importanza li jiġu separati s-servizzi differenti provduti lill-klijenti u jitlob għall-iżvelar ta' l-ispejjeż tal-katina ta' valur lill-klijenti sabiex ikun hemm iżjed trasparenza u jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 92

Paragrafu 15 a (ġdid)

15a. Iħeġġeġ immedjatament lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' dak li diġà ntqal, biex terġa' tieħu l-inizjattiva mmirata biex tipprovdi lill-kumpaniji 'mutual' bi statut Ewropew, kif mitlub fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Mejju 2006 dwar ir-riżultat ta' l-iskreening tal-proposti leġiżlattivi pendenti quddiem il-Leġiżlatur;

Or. fr

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 93
Paragrafu 15 b (ġdid)

15b *Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti, anke meta tikkunsidra s-sitwazzjoni preżenti dwar is-SWIFT, jekk l-Unjoni tistax twaqqaf sistema tagħha stess ta' karti bankarji;*

Or. fr

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 94
Paragrafu 16

16. Jirrikonoxxi l-isfida tax-xjuħija; jenfasizza ***l-importanza*** tal-pensjonijiet tax-xogħol kollettivi tat-tieni pilastru minbarra l-iskemi ta' pensjonijiet propji ta' l-ewwel pilastru bbażati fuq is-solidarjetà (***tħassir***);

Or. de

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 95
Paragrafu 16

16. Jirrikonoxxi l-isfida tax-xjuħija; jenfasizza l-merti tal-pensjonijiet tax-xogħol kollettivi tat-tieni pilastru (***tħassir***) u japprova d-Direttiva 2003/41/KE¹ dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali bħala l-qafas regolatorju speċifiku għal fondi ta' pensjoni; ***ihēgēg lill-Kummissjoni biex tesplora, fi ħdan il-qafas ta' regolamentazzjoni aħjar, il-bżonn ta' intervent komunitarju, kemm biex jiġu armonizzati l-prinċipji u l-metodi bażiċi ta' investiment fir-rigward ta' dawn l-assi u kemm biex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja fl-UE kollha;***

Or. en

¹ ĠU L 235, 23.9.2003, pġ. 10.

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 96

Paragrafu 16

16. Jirrikonoxxi l-isfida tax-xjuħija; jenfasizza l-merti tal-pensjonijiet tax-xogħol kollettivi tat-tieni pilastru minbarra l-iskemi ta' pensjonijiet propji ta' l-ewwel pilastru bbażati fuq is-solidarjetà, u ***jenfasizza hawnhekk wkoll, biex jiġu evitati trattamenti differenti ta' parteċipanti fis-suq u tagħwiġ tal-kompetizzjoni, li rekwiżiti ta' sorveljanza għandhom ikunu l-istess kemm mill-perspettiva ta' kwalità, f'dawk li huma standards ta' mmaniġġjar ta' riskju, u mill-perspettiva ta' kwantità, fir-rigward ta' rekwiżiti ta' kapital ('l-istess riskju, l-istess kapital');*** huwa tal-fehma li fejn huwa neċessarju, jiġu rrispettati partikolaritajiet speċifiċi ta' pensjonijiet tax-xogħol;

Or. de

Emenda mressqa minn Antonis Samaras

Emenda 97

Paragrafu 16

16. Jirrikonoxxi l-isfida tax-xjuħija; jenfasizza l-merti tal-pensjonijiet tax-xogħol kollettivi tat-tieni pilastru minbarra l-iskemi ta' pensjonijiet propji ta' l-ewwel pilastru bbażati fuq is-solidarjetà, u japprova d-Direttiva 2003/41/KE dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali bħala l-qafas regolatorju speċifiku għal fondi ta' pensjoni; ***ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tesplora, fi ħdan il-qafas ta' regolamentazzjoni aħjar, il-bżonn ta' intervent komunitarju, kemm biex jiġu armonizzati l-prinċipji u l-metodi bażiċi ta' investiment fir-rigward ta' dawn l-assi u kemm biex tiġi promossa l-konverġenza superviżorja fl-UE kollha;***

Or. en

Emenda mressqa minn Ieke van den Burg

Emenda 98

Paragrafu 16

16. Jirrikonoxxi l-isfida tax-xjuħija; jenfasizza l-merti tal-pensjonijiet tax-xogħol kollettivi tat-tieni pilastru minbarra l-iskemi ta' pensjonijiet propji ta' l-ewwel pilastru bbażati fuq is-solidarjetà, u japprova d-Direttiva 2003/41/KE dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali bħala l-qafas regolatorju speċifiku għal fondi ta' pensjoni ***li jrid ikun issupplimentat minn qafas armonizzati ta' solvenza speċifika ta' l-UE għall-fondi ta' pensjoni b'konformità ma' l-approċċ Solvency II, sabiex jiġi provdut għal tekniċi avvanzati ta' ġestjoni tar-riskju u diżinċentivi għall-arbitraġġ regolatorji;***

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 99
Paragrafu 16

16. Jirrikonoxxi l-isfida tax-xjuħija; jenfasizza l-merti tal-pensjonijiet tax-xogħol kollettivi tat-tieni pilastru minbarra l-iskemi ta' pensjonijiet propji ta' l-ewwel pilastru bbażati fuq is-solidarjetà, u japprova d-Direttiva 2003/41/KE dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali bħala l-qafas regolatorju speċifiku għal fondi ta' pensjoni; ***madankollu jinnota li l-qafas leġiżlattiv tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru jeħtieġ li jkun appoġġjat b'koordinazzjoni tattassazzjoni, li tikkonċentra b'mod speċjali fuq il-bażi ta' taxxa, f'dan il-qasam;***

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 100
Paragrafu 17

17. ***(tħassir)*** Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju dwar l-aċċess ta' servizzi bħal kontijiet bankarji, magni tal-flus, kards li jsiru hłasijiet bihom u self b'rati ta' imgħax baxxi ***(tħassir)***;

Or. en

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 101
Paragrafu 17

17. ***(tħassir)*** jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju dwar l-aċċess ta' servizzi bħal kontijiet bankarji, magni tal-flus, kards li jsiru hłasijiet bihom u self b'rati ta' imgħax baxxi; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istuzzjonijiet pubbliċi u privati (edukattivi) biex ifittxu b'aktar qawwa milli fil-preżent li jippromwovu t-taħriġ ġenerali taċ-ċittadini Ewropej għas-servizzi finanzjarji billi jinkluduh fl-iskema ta' taġlim taġghom u jwettquh;***

Or. de

Emenda mressqa minn Peter Skinner

Emenda 102
Paragrafu 17

17. Jinnota li hemm hłasna ċittadini ta' l-UE li huma esklużi mis-servizzi finanzjarji bażiċi;

jappoġġja x-xogħol attwali tal-Kummissjoni dwar l-istudju dwar l-aċċess ta' servizzi bħal kontijiet bankarji, magni tal-flus, kards li jsiru ħlasijiet bihom u self b'rati ta' imġhax baxxi (*tħassir*);

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 103
Paragrafu 17

17. Jinnota li hemm ħafna ċittadini ta' l-UE li huma esklużi mis-servizzi finanzjarji bażiċi; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju dwar l-aċċess ta' servizzi bħal kontijiet bankarji, magni tal-flus, kards li jsiru ħlasijiet bihom u self b'rati ta' imġhax baxxi (*tħassir*);

Or. en

Emenda mressqa minn Gunnar Hökmark

Emenda 104
Paragrafu 17

17. **Jenfasizza l-ħtieġa għal servizzi finanzjarji bażiċi li jaħdmu tajjeb;** jitlob lill-Kummissjoni tagħmel studju dwar **il-prekundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetizzjoni, sabiex tiġi żgurata l-oġġla aċċessibilità possibbli** għal servizzi bħal kontijiet bankarji, magni tal-flus, kards li jsiru ħlasijiet bihom u self b'rati ta' imġhax baxxi; jinkoraġġixxi l-ippjanar ta' obligazzjonijiet ta' servizz universali dwar istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jipprovdu servizzi bażiċi bħal dawn;

Or. en

Emenda mressqa minn Othmar Karas

Emenda 105
Paragrafu 17

17. Jinnota li hemm ħafna ċittadini ta' l-UE li huma esklużi mis-servizzi finanzjarji bażiċi; **jikkonkludi li s-servizzi finanzjarji bażiċi għandhom jibqgħu disponibbli u bi prezz raġonevoli għal kull ċittadin Ewropew;** itlob lill-Kummissjoni tagħmel studju dwar l-aċċess ta' servizzi bħal kontijiet bankarji, magni tal-flus, kards li jsiru ħlasijiet bihom u self b'rati ta' imġhax baxxi **u biex tinkoraġġixxi l-promozzjoni ta' l-aqwa Prattiki u esperjenzi żviluppati minn** istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jipprovdu servizzi bażiċi bħal dawn;

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 106

Paragrafu 17 a (ġdid)

17a. Jappoġġja s-sejbiet ta' l-inkjesta tas-settur fis-servizzi bankarji għall-konsumaturi individwali li l-iskambju tad-dejta dwar il-kreditu għandu tendenza li jkollu effetti ekonomiċi pożittivi, billi jżid il-kompetizzjoni u jgħin lil parteċipanti ġodda fis-suq, billi jnaqqas l-asimmetrija ta' l-informazzjoni bejn il-bank u l-klijent, jaħdem bħala metodu ta' dixxiplina għal min jissellef, inaqqas il-problemi ta' għażliet ħżiena u jippromwovi l-mobilità tal-klijent; iqis li l-għoti ta' l-aċċess għad-dejta pożittiva u negattiva dwar il-kreditu jista' jkollu rwol ewlieni biex ngħinu lill-klijenti jiksbu aċċess għall-kreditu u biex niġġieldu l-esklużjoni finanzjarja.

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 107

Paragrafu 18

18. Jiinnota l-iżvilupp ta' fornituri ta' servizzi finanzjarji speċifiċi għal gruppi ta' migranti, li jagħmlu t-trasferimenti finanzjarji tagħhom u jiżviluppaw is-sistema bankarja, *partikolarment* dik Iżlamika; jitlob li r-rekwiżiti applikabbli għal dawn l-operaturi ta' 'niche' ġodda jkunu b'saħħithom, iżda wkoll *li jiġi evitat* li jisparixxu (*tħassir*) f'żona griża fejn ma jkun possibbli l-ebda kontroll; *jistieden lill-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi tax-xatt l-ieħor tal-Mediterran, biex taħdem ma' l-awtoritajiet ekonomiċi u monetarji lokali kompetenti biex tassigura l-aħjar użu ta' l-flus hekk trasferiti f'investiment produttiv;*

Or. fr

Emenda mressqa minn Peter Skinner

Emenda 108

Paragrafu 19

19. Jilqa' b'sudisfazzjon l-attenzjoni li qed tiżdied għal provvedimenti ta' mikro krediti bħala kontribuzzjoni għal nies li jaħdmu għal rashom u għal bidu ta' negozji; (*tħassir*) iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħejji pjan ta' azzjoni għal mikrofinanzjar, u sabiex tagħmel użu mill-aqwa Prattiki ġewwa u barra l-Ewropa;

Emenda mressqa minn Ieke van den Burg

Emenda 109
Paragrafu 19

19. Jilqa' b'sudisfazzjon l-attenzjoni li qed tiżdied għal provvediment ta' mikro krediti bħala kontribuzzjoni għal nies li jaħdmu għal rashom u għal bidu ta' negozji, ***eżempju, fl-inizjattivi ta' DG Regio u tal-programm JEREMIE tal-BĊE***; jitlob li r-regoli ta' Basel jkunu adattati għall-iskopijiet ta' portafolji ta' mikro krediti u jillimitaw l-ispejjeż ħafna drabi eċċessivi fuq self żgħir; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħejji pjan ta' azzjoni għal mikrofinanzjar, ***biex tikkoordina l-miżuri ta' politiki differenti u biex tagħmel l-aqwa*** użu tal-prattiki ġewwa u barra l-Ewropa;

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 110
Paragrafu 19

19. Jifraħ bl-attenzjoni favur il-provvista ta' offerti ta' mikroreditu bħala inċentiv għal dawk li jaħdmu għal rashom u għal intrapriżi ġodda; jitlob li r-regoli ta' Basel jiġu adattati għall-'portfolios' ta' mikroreditu u li dawn jillimitaw l-ispejjeż ħafna drabi esaġerati tas-self ta' ammont żgħir; iħeġġeġ immedjatament lill-Kummissjoni biex ***b'koperazzjoni mad-direttorati ġenerali differenti tagħha li huma kompetenti f'dan is-settur***, telabora pjan ta' azzjoni għall-mikrofinanzjament, billi tagħmel użu mill-aħjar Prattiki fl-Ewropa u barra minnha;

Or. fr

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 111
Paragrafu 19 a (ġdid)

- 19a. Jikkunsidra li, minħabba l-orjentament nazzjonali tradizzjonali qawwi tas-swieg u l-kwantità żgħira ta' domanda transkonfinali, m'hemmx bżonn ta' inizjattiva leġiżlattiva fl-isfera tal-kreditu ipotekarju;***

Or. de

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 112

Paragrafu 19 a (ġdid) (wara s-sottointestatura 'Litteriżmu finanzjarju u l-kontribut ta' l-utenti fit-tiswir ta' politiki')

19a. Jistieden lill-industrija biex tagħti l-kontribut tagħha fil-ħarsien tal-konsumatur billi tipproduċi prodotti li wieħed jista' jifhem u juża faċilment, kif ukoll informazzjoni preċiża li l-konsumatur jista' jużaha b'faċilità;

Or. de

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 113

Paragrafu 20

20. Jemmen li minbarra iktar għażla għall-konsumaturi, hemm aktar involut fil-ħolqien ta' suq finanzjarju integrat Ewropew; jenfasizza li l-promozzjoni ta' litteriżmu finanzjarju u aċċess għal informazzjoni xierqa u parir mingħajr preġudizzju dwar investiment huma essenzjali; **huwa tal-fehma li r-regolamentazzjoni bbażata fuq il-prinċipju, bħall-obbligi li tiġi żgurata l-aqwa eżekuzzjoni u li jsiru testijiet ta' adegwatezza fil-provvediment ta' servizzi ta' investiment, f'dan ir-rigward hija iżjed effettiva mir-regolamentazzjoni preskrittiva;**

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 114

Paragrafu 20 a (ġdid)

20a Jikkunsidra wkoll bħala indispensabbli t-titjib fil-kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni patrimonjali tal-konsumaturi u tal-proġetti tal-ħajja tagħhom fl-investiment u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti finanzjarji;

Or. fr

Amendment by Alexander Radwan

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 115

Paragrafu 21

21. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattivi tal-Kummissjoni sabiex tgħolli l-livell tal-kapaċità

finanzjarja u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jinħolqu programmi u websajts speċifiċi, **filwaqt li f'dan il-proċess jiġu involuti l-kumpaniji kkonċernati**; iżda wkoll iħeġġiġhom sabiex jagħmluhom parti integrali mill-edukazzjoni bażika fl-iskejjel;

Or. de

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 116
Paragrafu 23

23. Jinsab impenjat bis-sħiħ lejn l-għanijiet ta' regolamentazzjoni aħjar u l-
evalwazzjonijiet ta' impatt professjonali (**tħassir**);

Or. de

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 117
Paragrafu 23

23. Jinsab impenjat bis-sħiħ lejn l-għanijiet ta' regolamentazzjoni aħjar **ibbażata fuq is-sejbiet ta' evalwazzjonijiet ta' impatt kawti u magħmulin b'mod indipendenti u professjonali**, u jenfasizza li **d-deċiżjonijiet politiċi** m'għandhomx **isiru biss fuq il-bażi ta' l-aspetti** finanzjarji iżda **għandhom** jikkunsidraw ukoll aspetti **ekonomiċi**, soċjali, tas-soċjetà, ambjentali, kulturali u oħrajn **ta' interess pubbliku**;

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 118
Paragrafu 23 a (ġdid)

- 23a. **Huwa mħasseb li r-regolamentazzjoni attwali timponi l-istess rekwiżiti għal entitajiet finanzjarji multinazzjonali li jaħdmu b'mod transkonfinali u għal parteċipanti domestiċi żgħar fis-suq finanzjarju; jemmen li l-qafas regolatorju jista' jikseb l-aħjar valur għan-nefqa, waqt li tittieħed konsiderazzjoni tal-kapaċità amministrattiva u r-riżorsi tal-partiċipanti żgħar li jkun hemm fis-suq;**

Or. en

Emenda mressqa minn Peter Skinner

Emenda 119
Paragrafu 24

24. Jilqa' b'sudisfazzjon il-ftehma ta' komitoloġija u jinsab impenjat lejn l-adattament ta' l-istrumenti involuti fil-qasam finanzjarju; jirrakkomanda li l-istrumenti pre-Lamfalussy ikunu mmodifikati b'mod simili (*tħassir*);

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 120
Paragrafu 24

24. jilqa' l-komitoloġija u hu impenjat li jaddatta l-istrumenti involuti fis-settur finanzjarju; jirrakkomanda, f'dan l-ispirtu, li l-istrumenti **Lamfalussy** jiġu emendati; jinsisti dwar il-fatt li l-Parlament għandu jiġi awtorizzat li jkollu osservaturi fil-kumitati ta' L2;

Or. fr

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 121
Paragrafu 24

24. Jilqa' b'sudisfazzjon il-ftehma ta' komitoloġija u jinsab impenjat lejn l-adattament ta' l-istrumenti involuti fil-qasam finanzjarju; jirrakkomanda li l-istrumenti pre-Lamfalussy ikunu mmodifikati b'mod simili; jinsisti li l-Parlament għandu jippermetti li jkun hemm osservaturi fil-kumitati tat-tieni livell (L2); ***jinnota l-ħtieġa li jinbnew metodi stabbiliti u interistituzzjonali ta' xogħol permezz tal-prattika iżjed milli permezz ta' regoli miktubin jew ta' ftehimiet formali; f'dan ir-rigward, l-elaborazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri tat-tieni livell għall-MiFID tista' sservi ta' eżempju utli;***

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 122
Paragrafu 25

25. **(thassai) Iwissi**, li l-iskop għal ftehimiet **leġislattivi** fl-ewwel qari m'għandux itellef il-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew jaffetwaw il-proċess demokratiku; jissuġġerixxi evalwazzjoni ta' dawn il-proċessi u elaborazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura sabiex ikunu garantiti t-trasparenza u l-kontroll demokratiku;

Or. de

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 123
Paragrafu 25

25. Jinsab impenjat lejn proċeduri leġislattivi 'fast track' fejn ikun possibbli, **li fil-prattika taw prova ta' kemm jiswew**; iżda jwissi li l-iskop għal ftehimiet fl-ewwel qari m'għandux itellef il-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew jaffetwaw il-proċess demokratiku; jissuġġerixxi evalwazzjoni ta' dawn il-proċessi u elaborazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura sabiex ikunu garantiti t-trasparenza u l-kontroll demokratiku;

Or. de

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 124
Paragrafu 25

25. Hu favur bis-sħiħ ta' proċeduri leġislattivi aċċellerati fejn possibbli, imma jwissi li l-għan li jinkisbu ftehimiet ma' l-ewwel qari m'għandux itellef il-kwalità tal-proċess deċiżjonali u lanqas jimpinġi fuq il-proċess demokratiku; jipproponi evalwazzjoni ta' dawn il-proċessi u t-twaqqif ta' regoli ta' proċedura biex jiggarantixxu **r-responsabilità kollettiva**, it-trasparenza u l-kontroll demokratiku;

Or. fr

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 125
Paragrafu 25 a (ġdid)

- 25a. **Iqis li varjetà ta' rekwiżiti ta' informazzjoni u/jew l-irduppar ta' dispożizzjonijiet eżistenti jirriżultaw fi spejjeż bla bżonn u f'piżijiet amministrattivi eċċessivi u jistgħu jkollhom ukoll konsegwenzi ħżiena f'termini ta' ċertezza legali, u b'kawża t'hekk,**

fuq l-integrità tas-suq; jisħaq li hemm każ fejn jistgħu jinkisbu iżjed benefiċċji permezz tar-razzjonalizzazzjoni, ta' l-issimplifikar, u, fejn meħtieġ, ta' l-irrevokar tad-dispożizzjonijiet attwali li huma ineffiċjenti;

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 126
Paragrafu 25 b (ġdid)

25b. Jemmen li l-FSAP ikkontribbwixxa biex jiترانġaw bosta nuqqasijiet regolatorji fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, madankollu huwa konvint li iżjed koordinazzjoni ma' l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni jista' jkollu effett multiplikattiv fuq it-tħaddim u l-effiċjenza ġenerali tal-qafas regolatorju; jirrimarka li l-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiżgura ambjent ġust u kompetittiv b'konformità mal-politika tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 127
Paragrafu 26

26. Jinnota l-firxa ta' żviluppi ġodda, li jippreżentaw kemm punti potenzjalment tajbin u kemm oħrajn possibilment ħżiena, inklużi t-tekniki innovattivi sabiex jonqos ir-riskju, (*tħassir*) is-swieq tal-kreditu derivattivi, (*tħassir*) il-gruppi kbar finanzjarji pan-Ewropej, (*tħassir*) il-hedge funds, u ekwità privata;

Or. en

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 128
Paragrafu 26

26. Jinnota ***l-firxa ta' żviluppi ġodda, inklużi t-tekniki innovattivi sabiex jonqos ir-riskju, it-tkabbir sostanzjali tas-swieq tal-kreditu derivattivi, iż-żieda sistemika importanti ta' gruppi kbar finanzjarji pan-Ewropej, u l-irwol li qed jikber ta' istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji, inkluż fis-self "mainstream" kif ukoll l-vetturi alternattivi ta' investment;***

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 129

Paragrafu 26 a (ġdid)

26a *Jikkunsidra li l-kapaċità tal-banek kbar li jikkontrollaw l-operat tal-'hedge funds' m'hiex biżżejjed peress li huma jistgħu jiġġudikaw u jkunu ġġudikati;*

Or. fr

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 130

Paragrafu 26 b (ġdid)

26b *Iqis li biex jiġu limitati r-riskji hu indispensabbli li l-BĊE jkollha l-kapaċità li tagħmel superviżjoni tal-banek kbar ewlenin;*

Or. fr

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 131

Paragrafu 27

27. Jinnota li dawk il-bidliet tas-suq *jistgħu* jbiddu wkoll in-natura, is-sors u t-trasferiment ta' riskju sistemiku, u għalhekk *jaffettwaw l-istrumenti* li jnaqqsu r-riskju eżistenti ex-ante; u jitlob li jkun hemm identifikazzjoni u evalwazzjoni *bbażata fuq l-evidenza* ta' sorsi *potenzjali* ta' riskji sistemiċi u *tad*-dinamiki *bażiċi tagħhom* tal-kriżijiet finanzjarji (*tħassir*);

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 132

Paragrafu 27

27. Jinnota li dawk il-bidliet tas-suq *jaffettwaw ukoll* in-natura, is-sors u t-trasferiment ta' riskju sistemiku; u jitlob li jkun hemm identifikazzjoni u evalwazzjoni *bbażata fuq l-evidenza tas-sors* ta' riskji sistemiċi u *tad*-dinamiki *bażiċi tagħhom* tal-kriżijiet finanzjarji f'*dan* il-kuntest;

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 133
Paragrafu 27

27. Jinnota li dawk il-bidliet tas-suq **jaffettwaw** ukoll in-natura, is-sors u t-trasferiment ta' riskju sistemiku (**tħassir**); u jitlob li jkun hemm identifikazzjoni u evalwazzjoni **bbażata fuq l-evidenza** ta' sorsi ta' riskji sistemiċi u d-dinamiki li għaddejjin tal-kriżijiet finanzjarji fil-kuntest tal-bidliet deskritti;

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 134
Paragrafu 28

28. Jinsab imħasseb li l-qafas kurrenti ta' superviżjoni **li hu bbażat fuq il-livell nazzjonali** jrid ikun **mgħammar u kkoordinat tajjeb biżżejjed sabiex ikun jista' jlaħħaq** mad-dinamiki Ewropej u globali tas-suq finanzjarju u **jkun jista' jirrispondi b'mod adegwat f'każ ta' kriżi sistematika kbira** li **taffettwa** iktar minn Stat Membru wieħed;

Or. en

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 135
Paragrafu 28

28. Jafferma li l-qafas kurrenti ta' superviżjoni (**tħassir**) **irid** ilaħħaq mad-dinamiki tas-suq finanzjarju **sabiex ikun jista' jwieġeb** f'każijiet ta' riskji sistemiċi kbar li jaffettwaw iktar minn Stat Membru wieħed;

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 136
Paragrafu 28

28. Jinsab imħasseb li l-qafas kurrenti ta' superviżjoni frammentat ***potenzjalment jista' jonqos li*** jlaħħaq mad-dinamiki tas-suq finanzjarju u jista' jtellef tweġibiet xierqa u pronti f'każijiet ta' riskji sistemiċi kbar li jaffetwaw iktar minn Stat Membru wieħed;

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 137
Paragrafu 29 a (ġdid)

- 29a. ***Jilqa' r-Rapport riċenti tal-Kummissjoni Ewropea li jevalwa d-Direttiva dwar l-Arranġamenti Kollaterali Finanzjarji (2002/47/KE) (FCD), jinnota l-kummenti tal-Kummissjoni dwar l-importanza tal-proċedura tal-'close-out netting' biex jitnaqqas ir-riskju tal-kreditu u tiżdied l-effiċjenza fis-swieq finanzjarji, kif ukoll allokazżjoni iżjed effiċjenti ta' kapital regolatorju, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tfassal proposta biex titejjeb il-konsistenza ta' l-acquis fir-rigward ta' l-istrumenti varji ta' l-UE, inkluża l-FCD, li fiha dispożizzjonijiet dwar in-'netting' u s-'set-off', possibilmment billi tiżviluppa strument waħdani li jistipula sett ta' prinċipji fundamentali komuni għal kull reġim nazzjonali għal 'close-out netting';***

Or. en

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 138
Paragrafu 30

30. Jinsab impressjonat bix-xogħol li sar mill-Kumitati Ewropej għar-Regolaturi (is-CESR, il-Kumitat Ewropew għas-Sorveljanti Bankarji, il-Kumitat Ewropew għas-Sorveljanti ta' l-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) fil-konsultazzjoni mas-swieq, fil-pariri li taw lill-Kummissjoni u lill-Kumitati L2 tal-Kunsill u fuq kolloxx fil-progress sabiex ikun hemm konverġenza tal-prattiki regolatorji u ta' sorveljanza, ***iżda jwissi f'dan il-kuntest, kontra t-tnaqqis fl-ispejjeż biex ir-regolazzjoni tkun il-punt ċentrali ta' l-isforzi;***

Or. de

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 139
Paragrafu 30

30. Jinsab impressjonat bix-xogħol li sar mill-Kumitati Ewropej għar-Regolaturi (is-CESR, il-Kumitat Ewropew għas-Sorveljanti Bankarji, il-Kumitat Ewropew għas-Sorveljanti ta' l-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) fil-konsultazzjoni mas-swieq, fil-pariri li taw lill-Kummissjoni u lill-Kumitati L2 tal-Kunsill u fuq kollox fil-progress sabiex ikun hemm konverġenza tal-prattiki regolatorji u ta' sorveljanza; ***huwa konvint li dan l-isforz għandu jkun imħeġġeġ u li dawn il-kumitati jridu jkunu mħaddma u mgħammra b'mod adegwat għall-ħidma li jidħlu għaliha;***

Or. en

Emenda mressqa minn Antonis Samaras

Emenda 140
Paragrafu 30

30. Jinsab impressjonat bix-xogħol li sar mill-Kumitati Ewropej għar-Regolaturi (is-CESR, il-Kumitat Ewropew għas-Sorveljanti Bankarji, il-Kumitat Ewropew għas-Sorveljanti ta' l-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) fil-konsultazzjoni mas-swieq, fil-pariri li taw lill-Kummissjoni u lill-Kumitati L2 tal-Kunsill u fuq kollox fil-progress sabiex ikun hemm konverġenza tal-prattiki regolatorji u ta' sorveljanza; ***huwa konvint li dan l-isforz għandu jkun imħeġġeġ u li dawn il-kumitati jridu jkunu mħaddma u mgħammra b'mod adegwat għall-ħidma li jidħlu għaliha;***

Or. en

Emenda mressqa minn Katerina Batzeli

Emenda 141
Paragrafu 31

31. Iħeġġeġ lill-Kumitati tat-tielet livell (L3) sabiex itejbu l-konsistenza transsettorjali f'***żewġ oqsma: fuq naħa fir***-regolamentazzjoni prudenzjali u r-regoli ta' sorveljanza ta' grupp għal gruppi finanzjarji kbar li jitrattaw prodotti l-istess jew simili; ***jenfasizza li f'dan ir-rigward, iridu jkunu kapaċi*** jagħtu pariri lil-leġiżlaturi sabiex jirrevedu r-regoli skond il-każ; ***fuq l-oħra, fl-iżgurar li l-istrumenti finanzjarji kollha ikunu sorveljati b'mod indaqs fuq bażi funzjonali fl-Istati Membri kollha; jenfasizza li n-nuqqasijiet fis-sorveljanza u l-inkonsistenzi fuq il-livell nazzjonali għandhom ikunu rapportati u skoraġġiti;***

Or. en

Emenda mressqa minn Antonis Samaras

Emenda 142
Paragrafu 31

31. Iħeġġeġ lill-Kumitati tat-tielet livell (L3) sabiex itejbu l-konsistenza transsettorjali f'żewġ oqsma: *fuq naħa fir*-regolamentazzjoni prudenzjali u r-regoli ta' sorveljanza ta' grupp għal gruppi finanzjarji kbar li jitrattaw prodotti l-istess jew simili; *f'dan ir-rigward, iridu jkunu kapaċi* jagħtu pariri lil-leġiżlaturi sabiex jirrevedu r-regoli skond il-każ; *u fuq l-oħra, fl-iżgurar li l-istrumenti finanzjarji kollha ikunu sorveljati b'mod indaqs fuq bażi funzjonali fl-Istati Membri kollha. In-nuqqasijiet fis-sorveljanza u l-inkonsistenzi fuq il-livell nazzjonali għandhom ikunu rapportati u skoraggħiti.*

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 143
Paragrafu 31

31. Iħeġġeġ lill-Kumitati tat-tielet livell (L3) sabiex itejbu l-konsistenza transsettorjali tar-regolamentazzjoni prudenzjali u r-regoli ta' sorveljanza ta' grupp għal gruppi finanzjarji kbar li jitrattaw prodotti l-istess jew simili, u fejn ikun neċessarju, jagħtu pariri lil-leġiżlaturi sabiex jirrevedu r-regoli skond il-każ, *iżda biex jillimitaw ruħhom għall-mandat tagħhom u ma jippruvawx jissostitwixxu lil-leġiżlatur;*

Or. de

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 144
Paragrafu 31

31. Iħeġġeġ lill-Kumitati tat-tielet livell (L3) sabiex itejbu l-konsistenza transsettorjali tar-regolamentazzjoni prudenzjali u r-regoli ta' sorveljanza ta' grupp għal gruppi finanzjarji kbar li jitrattaw prodotti l-istess jew simili, u, *wara konsultazzjoni ma' min hu konċernat,* jagħtu pariri lil-leġiżlaturi *dwar fejn ikun meħtieġ li jirrevedu r-regoli;*

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 145

Paragrafu 31

31. Iħeġġeġ lill-Kumitati tat-tielet livell (L3) sabiex itejbu l-konsistenza transsettorjali tar-regolamentazzjoni prudenzjali u r-regoli ta' sorveljanza ta' grupp għal gruppi finanzjarji kbar li jitrattaw prodotti l-istess jew simili, u fejn ikun neċessarju, jagħtu pariri lil-leġiżlaturi sabiex jirrevedu r-regoli skond il-każ **wara proċedura xierqa u konsultazzjoni pubblika**;

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 146

Paragrafu 32

32. Jistieden lill-kumitati L2 u L3 sabiex **irażżnu** d-diskrezzjoni nazzjonali u l-'gold-plating' **b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni bażika L1**;

Or. en

Emenda mressqa minn Astrid Lulling

Emenda 147

Paragrafu 32

32. Jistieden lill-kumitati L2 u L3 sabiex jirristringu d-diskrezzjoni nazzjonali u l-'gold-plating' (**tħassir**);

Or. fr

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 148

Paragrafu 32

32. Jistieden lill-kumitati L2 u L3 sabiex jirristringu d-diskrezzjoni nazzjonali u l-'gold-plating' (**tħassir**);

Or. de

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 149
Paragrafu 32

32. Jistieden lill-kumitati L2 u L3 sabiex jirristringu d-diskrezzjoni nazzjonali u l-'gold-plating'; ***jissuġġerixxi li ssir reviżjoni dwar jekk ikunx ta' għajna jekk il-kumitati L3 jkunu jistgħu joperaw b'mod iżjed frekwenti fuq il-bażi tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata;***

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco

Emenda 150
Paragrafu 32

32. Jistieden lill-kumitati L2 u L3 sabiex jirristringu d-diskrezzjoni nazzjonali u l-'gold-plating'; ***jemmen li jkun ta' għajna li tinbeda diskussjoni miftuħa, fil-kuntest tal-ħidma tal-Grupp ta' Monitoraġġ Inter-Istituzzjonali (IIMG), dwar l-istatus ġuridiku tal-kumitati L3, li għandu jinbidel sabiex ikunu jistgħu jieħdu, fl-ambitu ta' l-attivitajiet tagħhom, deċiżjonijiet li jorbtu fir-rigward tal-membri tagħhom, fuq il-bażi ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata;***

Or. en

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 151
Paragrafu 32

32. Jistieden lill-kumitati L2 u L3 sabiex ***jippreservaw id-diskrezzjoni nazzjonali u b'hekk jippermettu għall-partikolaritajiet nazzjonali u b'mod partikolari il-karatteristiċi strutturali ta' swieq individwali, peress li dan l-ispazju ta' għażla huwa essenzjali mhux biss għall-kwalità ta' kontroll iżda wkoll fl-isfond tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni differenti li jeżistu fl-Ewropa; jistieden lill-kumitati L2 u L3 sabiex jirristringu d-diskrezzjoni nazzjonali u l-'gold-plating'; jemmen li jkun ta' għajna jekk il-kumitati L3 jistgħu joperaw iktar fuq il-bażi tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata;***

Or. de

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 152
Paragrafu 32

32. Jistieden lill-kumitati L2 u L3 sabiex jirristringu d-diskrezzjoni nazzjonali u l-'gold-plating'; jemmen li jkun ta' għajnuna jekk il-kumitati L3 jistgħu joperaw iktar fuq il-bażi tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata ***u jużaw ir-riżorsi baġitarji ta' l-UE; jissuġġerixxi li l-kumitati L3 jingħataw mandat annwali mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew biex iressqu pjani konkreti għall-kooperazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri maqbula, u li fin-nuqqas ta' progress tanġibbli, jingħata rapport dwar ir-raġunijiet għal dawn in-nuqqasijiet lill-koleġislaturi, li permezz tiegħu dawn ta' l-aħħar ikunu awtorizzati permezz jieħdu azzjoni leġislattiva;***

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 153
Paragrafu 32 a (ġdid)

- 32a. ***Iqis li s-setgħat u l-mandati tal-kumitati Lamfalussy L1 u L2 għandhom ikunu definiti b'mod iżjed preċiż u li l-proċess ta' konsultazzjoni ma' l-industrija għandu jiġi ssimplifikat sabiex jiġu involuti l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif ukoll l-investituri;***

Or. en

Emenda mressqa minn Othmar Karas

Emenda 154
Paragrafu 33

33. Jenfasizza l-importanza ***tal-koperazzjoni bejn is-sorveljanti nazzjonali fi ħdan l-UE***, li kapaċi jiżguraw is-superviżjoni effiċjenti tal-parteċipanti finanzjarji (***tħassir***) u ta' l-entitajiet lokali li għandhom l-għeruw fit-tradizzjonijiet nazzjonali; jenfasizza li ***s-sorveljanti*** kollha għandhom jikkunsidraw daww it-tradizzjonijiet fil-mod kif jissorveljaw in-negozju fuq il-post; ***jilqa' l-koperazzjoni dejjem tiżdied tal-kumitati tat-tielet livell CEBS, CESR u CEIOPS u l-fatt li issa qegħdin jippubblikaw programmi konġunti ta' ħidma annwali;***

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco, Lapo Pistelli

Emenda 155
Paragrafu 33

33. Jenfasizza l-importanza ta' sistema Ewropea integrata tas-sorveljanti ta' koperazzjoni li kapaçi jiżguraw is-superviżjoni effiċjenti kemm tal-parteċipanti finanzjarji kbar u kemm ta' l-entitajiet lokali li għandhom l-għeruw fit-tradizzjonijiet nazzjonali; jenfasizza li l-partijiet kollha ta' dik is-sistema għandhom jikkunsidraw dawk it-tradizzjonijiet fil-mod kif jissorveljaw in-negozju fuq il-post; ***jilqa' l-koperazzjoni dejjem tiżdied tal-kumitati tat-tielet livell CEBS, CESR u CEIOPS u l-fatt li issa qegħdin jipubblikaw programmi konġunti ta' ħidma annwali;***

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 156
Paragrafu 33

33. Jenfasizza l-importanza ta' sistema Ewropea integrata tas-sorveljanti ta' koperazzjoni li kapaçi jiżguraw is-superviżjoni effiċjenti kemm tal-parteċipanti finanzjarji kbar u kemm ta' l-entitajiet lokali li għandhom l-għeruw fit-tradizzjonijiet nazzjonali; jenfasizza li l-partijiet kollha ta' dik is-sistema għandhom jikkunsidraw dawk it-tradizzjonijiet fil-mod kif jissorveljaw in-negozju fuq il-post; ***jilqa' l-koperazzjoni dejjem tiżdied tal-kumitati tat-tielet livell CEBS, CESR u CEIOPS u l-fatt li issa qegħdin jipubblikaw programmi konġunti ta' ħidma annwali;***

Or. en

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 157
Paragrafu 34

imħassar

Or. en

Emenda mressqa minn Peter Skinner

Emenda 158
Paragrafu 34

imħassar

Or. en

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 159
Paragrafu 34

34. 34. Jinnota li sabiex ikun hemm superviżjoni (*tħassir*) tar-riskji sistemiċi u prudenzjali (*tħassir*), is-sistema preżenti ta' koperazzjoni ***għandha tiġi estiża u mtejba, sabiex ikun possibbli li jittieħdu prekawzjonijiet skond ir-regolamenti eżistenti ta' kooperazzjoni li jinvolvu l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-banek ċentrali bil-ħsieb li jieqaf it-theddid għall-istabilità finanzjarja li jista' jkun hemm meta istituzzjoni transkonfinali ssib ruħha f'diffikultajiet serji;***

Or. de

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 160
Paragrafu 34

34. Jinnota li sabiex ikun hemm superviżjoni reali tar-riskji sistemiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq, ***partikolarment konglomerati finanzjarji transkonfinali u transsettorjali kbar***, is-sistema preżenti ta' koperazzjoni ***għandha tiġi mtejba;*** jinkoraġġixxi ftehimiet u kodiċi ta' kondotta bejn Stati Membri u banek ċentrali dwar l-appoġġ finanzjarju ta' din l-istruttura għolja, rigward obbligazzjonijiet ta' 'bail-out' u dwar istituzzjonijiet li jsellfu meta l-ebda istituzzjoni oħra ma tkun trid issellef (lender-of-the-last resort);

Or. de

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 161
Paragrafu 34

34. Jinnota li sabiex ikun hemm superviżjoni ***effettiva*** tar-riskji sistemiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq, is-sistema preżenti ta' koperazzjoni ***jista' jkollha bżonn li tiġi msaħħa***, u ***jinkoraġġixxi iżjed koordinazzjoni b'mod partikulari fir-rigward tas-***

sorveljanza ta' entitajiet multi-ġurisdizzjonali u transsettorjali u konglomerati finanzjarji; jinkoraġġixxi *lill-Istati Membri* u banek ċentrali biex iġibu *ijjed ċarezza, fost oħrajn*, rigward obligazzjonijiet ta' 'bail-out' u dwar istituzzjonijiet li jsellfu meta l-ebda istituzzjoni oħra ma tkun trid issellef (lender-of-the-last-resort); *jistieden lill-Kummissjoni biex tipprepara evalwazzjoni fil-fond tal-fattibilità ta' awtorità ta' sorveljanza prudenzjali eżekuttiva Ewropea li tkun mgħammra tajjeb f'dik is-sistema li jkollha l-kompetenzi xierqa; jirrikonoxxi, madankollu, Awtorità ta' Sorveljanza Ewropea hija għan għat-tul, u li biex jintlaħaq iridu jiġu ssodisfati bosta prekundizzjonijiet;*

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 162
Paragrafu 34

34. *(tħassir)* Sistema mgħammra tajjeb, ibbażata fuq il-*prinċipju ta' viġilanza prinċipali* (), *għandu jkollha* l-kompetenzi xierqa għas-sorveljanza ta' konglomerati finanzjarji kbar transkonfinali u transsettorjali; jinkoraġġixxi ftehimiet u kodiċi ta' kondotta bejn Stati Membri u banek ċentrali dwar l-appoġġ finanzjarju ta' din l-istruttura għolja, rigward obligazzjonijiet ta' 'bail-out' u dwar istituzzjonijiet li jsellfu meta l-ebda istituzzjoni oħra ma tkun trid issellef (lender-of-the-last-resort); *Jinnota li, biex isir ġudizzju dwar jekk is-sistema preżenti tipprovdi sorveljanza reali tar-riskji sistematiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq, huwa meħtieġ li l-arranġamenti L2 u L3, li huma relattivament ġodda, jingħataw iż-żmien biex isibu saqajhom.*

Or. en

Emenda mressqa minn Astrid Lulling

Emenda 163
Paragrafu 34

34. Jinnota li, għall-kontroll reali tar-riskji sistematiċi u prudenti li jittieħdu mill-operaturi l-kbar tas-suq, is-sistema preżenti ta' koperazzjoni *taħdem iżda għandha tiġi msaħħa sabiex toħloq sistema xierqa ta' "kulleġġ ta' superviżuri"; jikkunsidra li, fi stadju ulterjuri, meta l-ħtieġa għal dan tkun ġiet stipulata f'rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill, tista' tiġi mwaqqfa* awtorità ta' superviżjoni prudenti Ewropea tal-kumpanniji, li tkun mgħammra tajjeb, fil-qafas ta' sistema bil-kompetenzi xierqa ta' superviżjoni tal-konglomerati kbar finanzjarji transkonfinali u transsettorjali; *għalhekk* jinkoraġġixxi l-konklużjoni ta' ftehimiet u ta' kodiċi ta' kondotta bejn l-Istati Membri u l-banek ċentrali dwar l-appoġġ finazjarju ta' sistema ġenerali bħal din, fir-rigward ta' obbligi ta' 'bail-out' u ta' min isellef bħala l-aħħar ċans;

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 164
Paragrafu 34

34. Jinnota li sabiex ikun hemm superviżjoni reali tar-riskji sistemiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq, is-sistema preżenti ta' koperazzjoni ***trid tiġi mtejba, u jissuġġerixxi li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa ta'*** awtorità ta' sorveljanza prudenzjali eżekuttiva Ewropea mgħammra f'dik is-sistema li għandha l-kompetenzi xierqa għas-sorveljanza ta' konglomerati finanzjarji kbar transkonfinali u transsettorjali; jinkoraġġixxi ftehimiet u kodiċi ta' kondotta bejn Stati Membri u banek ċentrali dwar l-appoġġ finanzjarju ta' din l-istruttura għolja, rigward obbligazzjonijiet ta' 'bail-out' u dwar istituzzjonijiet li jsellfu meta l-ebda istituzzjoni oħra ma tkun trid issellef (lender-of-the-last-resort);

Or. en

Emenda mressqa minn Ieke van den Burg

Emenda 165
Paragrafu 34

34. Jinnota li ***flimkien u fuq il-bażi tas-sistema preżenti ta' koperazzjoni bejn is-sorveljanti b'mod partikulari*** għas-superviżjoni reali tar-riskji sistemiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq, ***għandha tinħaseb*** awtorità ta' sorveljanza prudenzjali eżekuttiva Ewropea mgħammra ***bħala parti minn dik is-sistema***, li ***jkollha*** l-kompetenzi xierqa għas-sorveljanza ta' konglomerati finanzjarji kbar transkonfinali u transsettorjali; jinkoraġġixxi ftehimiet u kodiċi ta' kondotta bejn Stati Membri u banek ċentrali dwar l-appoġġ finanzjarju ta' ***din is-sistema ta' sorveljanza prudenzjali***, rigward obbligazzjonijiet ta' 'bail-out' u dwar istituzzjonijiet li jsellfu meta l-ebda istituzzjoni oħra ma tkun trid issellef (lender-of-the-last-resort) ***għal każi fejn ikunu involuti iżjed stati membri u iżjed sorveljanti***;

Or. en

Emenda mressqa minn Jonathan Evans

Emenda 166
Paragrafu 34

34. Jinnota li sabiex ikun hemm superviżjoni reali tar-riskji sistemiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq, is-sistema preżenti ***bbażata fuq il-prinċipju ta' viġilanza***

prinċipali għandu jkollha l-kompetenzi xierqa għas-sorveljanza ta' konglomerati finanzjarji kbar transkonfinali u transsettorjali; jinkoraġġixxi ftehimiet u kodiċi ta' kondotta bejn Stati Membri u banek ċentrali dwar l-appoġġ finanzjarju ta' din l-istruttura għolja, rigward obbligazzjonijiet ta' 'bail-out' u dwar istituzzjonijiet li jsellfu meta l-ebda istituzzjoni oħra ma tkun trid issellef (lender-of-the-last-resort);

Or. en

Emenda mressqa minn Antonis Samaras

Emenda 167
Paragrafu 34

34. Jinnota li, ***fil-waqt li s-sorveljanza tas-suq tista' tibbenefika mit-twettiq tagħha, dejjem sakemm ikun hemm il-konverġenza superviżorja***, sabiex ikun hemm superviżjoni reali tar-riskji sistemiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq ***fuq il-livell lokali***, is-sistema preżenti ta' koperazzjoni hija dgħajfa wisq u jippromwovi awtorità ta' sorveljanza prudenzjali eżekuttiva Ewropea mgħammra f'dik is-sistema li għandha l-kompetenzi xierqa għas-sorveljanza ta' konglomerati finanzjarji kbar transkonfinali u transsettorjali; jinkoraġġixxi ftehimiet u kodiċi ta' kondotta bejn Stati Membri u banek ċentrali dwar l-appoġġ finanzjarju ta' din l-istruttura għolja, rigward obbligazzjonijiet ta' 'bail-out' u dwar istituzzjonijiet li jsellfu meta l-ebda istituzzjoni oħra ma tkun trid issellef (lender-of-the-last-resort);

Or. en

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 168
Paragrafu 34 a (ġdid)

- 34a. ***minħabba l-bżonn ta' protezzjoni effettiva tal-konsumatur, jikkunsidra b'mod kritiku ħafna s-sejħa għal sistema ta' kontroll bankarju Ewropew fuq il-mudell ta' kooperazzjoni eżistenti, peress li 'awtorità superjuri' ċentrali oħra ta' dan it-tip iġġib magħha l-periklu ta' arbitraġġ ta' sorveljanza u ma jkollha l-ebda leġittimità jew makkinarju ta' kontroll rikonxxibbli; bl-istess mod, iħares b'mod kritiku lejn il-ftehimiet ex ante bejn Stati Membri, li jistgħu jwasslu għal indħil fis-sovranità nazzjonali tal-baġit;***

Or. de

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Amendment 169
Paragrafu 35

imħassar

Or. en

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 170
Paragrafu 35

35. Huwa konxju mill-eżitazzjoni li għandhom ħafna Stati Membri lejn it-trasferiment ta' kompetenzi lil xi awtorità ta' viġilanza prinċipali jew nazzjonali li jista' jwassal lill-Istati Membri sabiex jirrifjutaw li jaċċettaw struttura kbira bħal din; ***jistieden lill-Istati Membri biex jissottomettu proposti mingħajr dewmien għal struttura alternattiva, li jkun xierqa għal dawn l-iżviluppi;***

Or. de

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 171
Paragrafu 35

35. Huwa konxju mill-eżitazzjoni li għandhom ħafna Stati Membri lejn it-trasferiment ta' kompetenzi lil xi awtorità ta' viġilanza prinċipali jew ***ċentrali*** li jista' jwassal lill-Istati Membri sabiex jirrifjutaw li jaċċettaw struttura kbira bħal din; ***jenfasizza, għalhekk, li f'dan l-isfond, konverġenza akbar fis-sorveljanza u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza fi ħdan l-istrutturi eżistenti ssir kwistjoni ħafna aktar importanti; jilqa' b'sodisfazzjon kooperazzjoni akbar bejn il-Home and Host Supervisors bil-għan ta' suq finanzjarju Ewropew stabbli;***

Or. de

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 172
Paragrafu 35

35. ***Jifhem għalfejn l-Istati Membri jixtiequ jagħtu l-arranġamenti l-ġodda ż-żmien biex jiġu implimentati u eżaminati qabel ma jikkunsidraw xi passi ulterjuri lejn il-konverġenza;*** jenfasizza, madanakollu, li l-parteċipazzjoni ***f'sistema bbażata fuq il-prinċipju ta' viġilanza prinċipali u l-użu ta' għodod bħad-delegazzjoni tar-responsabilitajiet*** se ***jżidu*** l-inflwenza ta' regolaturi iżgħar meta mqabbla mas-sitwazzjoni preżenti li fiha jkollhom jiddependu ħafna fuq ftit sorveljanti oriġinali

nazzjonali kbar; *jirrimarka li, jekk ma jsirx progress f'din id-direzzjoni, tista' tikber il-pressjoni għall-kunsiderazzjoni ta' arranġament ta' superviżjoni ċentralizzata;*

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 173

Paragrafu 35

35. Huwa konxju mill-eżitazzjoni li għandhom ħafna Stati Membri lejn it-trasferiment ta' kompetenzi lil xi awtorità ta' viġilanza prinċipali jew nazzjonali li jista' jwassal lill-Istati Membri sabiex jirrifjutaw li jaċċettaw struttura kbira bħal din; jenfasizza *l-ħtieġa li tiġi determinata l-allokkazzjoni tar-responsabilitajiet bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi ta' l-oriġini u l-pajjiżi ospitanti u jipromwovi ċerta delegazzjoni ta' poteri bejn is-sorveljanti sabiex jiżgura s-sorveljanza effiċjenti u prudenti ta' entitajiet finanzjarji multinazzjonali kbar;*

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 174

Paragrafu 35

35. Huwa konxju *li hemm* eżitazzjoni f'ħafna Stati Membri lejn it-trasferiment ta' kompetenzi lil xi awtorità ta' viġilanza prinċipali jew nazzjonali (*tħassir*); jenfasizza, madanakollu, li l-parteċipazzjoni f'sistema ċentrali *potenzjali* żżid l-influwenza ta' regolaturi iżgħar meta mqabbla mas-sitwazzjoni preżenti li fiha jkollhom jiddependu ħafna fuq ftit sorveljanti oriġinali nazzjonali kbar;

Or. en

Emenda mressqa minn Ieke van den Burg

Emenda 175

Paragrafu 35

35. Huwa konxju *dwar* l-eżitazzjoni f'ħafna Stati Membri lejn it-trasferiment ta' kompetenzi lil xi awtorità ta' viġilanza prinċipali jew nazzjonali (*tħassir*); jenfasizza, madanakollu, li l-parteċipazzjoni f'sistema *integrata Ewropea b'kompetenzi eżekuttivi u transkonfinali fuq il-livell Ewropew* se żżid l-influwenza ta' regolaturi iżgħar meta mqabbla mas-sitwazzjoni preżenti li fiha jkollhom jiddependu ħafna fuq ftit sorveljanti oriġinali nazzjonali kbar;

Or. en

Emenda mressqa minn Astrid Lulling

Emenda 176
Paragrafu 35

35. ***Hu konxju mill-fatt*** li l-eżitazzjonijiet ta' numru ta' Stati Membri biex jittrasferixxu l-kompetenzi lejn ***superviżuri tat-tip 'lead' jew 'home'*** jistgħu jsibuha bi tqila meta jiġu biex jaċċettaw superstruttura ***eventwali*** bħal din; jenfasizza, madankollu, li l-parteeċipazzjoni ***possibli*** f'sistema ċentrali ssaħħaħ l-influwenza tas-***superviżuri*** żgħar meta mqabbla mas-sitwazzjoni preżenti fejn huma jkollhom jiddependu ħafna fuq ftit ***superviżuri 'home'*** kbar;

Or. fr

Emenda mressqa minn Jonathan Evans

Emenda 177
Paragrafu 35

35. Huwa konxju mill-eżitazzjoni li għandhom ħafna Stati Membri lejn it-trasferiment ta' kompetenzi lil xi awtorità ta' vġilanza prinċipali jew nazzjonali li jista' jwassal lill-Istati Membri sabiex jirrifjutaw li jaċċettaw struttura kbira bħal din; jenfasizza, madankollu, li l-parteeċipazzjoni f'sistema ***(tħassir) bbażata fuq il-prinċipju ta' vġilanza prinċipali*** se żżid l-influwenza ta' regolaturi iżgħar meta mqabbla mas-sitwazzjoni preżenti li fiha jkollhom jiddependu ħafna fuq ftit sorveljanti oriġinali nazzjonali kbar;

Or. en

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 178
Paragrafu 35 a (ġdid)

- 35a. ***Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra kemm jistgħu jiġu stipulati standards Ewropej għat-taħriġ ta' sorveljanti nazzjonali fis-sens ta', u għall-promozzjoni ta' kultura komuni Ewropea ta' sorveljanza;***

Or. de

Emenda mressqa minn Astrid Lulling

Emenda 179
Paragrafu 36

imħassar

Or. fr

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 180
Paragrafu 36

mħassar

Or. de

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 181
Paragrafu 36

36. Jinsab ottimist dwar kulleġġi ta' sorveljanti li jittrattaw ***entitajiet u*** konglomerati finanzjarji multi-ġurisdizzjonali; ***iżda jemmen li*** l-koperazzjoni ***bejn is-sorveljanti involuti f'tali każi trid issolvi b'mod urġenti l-kwistjonijiet pendenti bħall-ġestjoni*** ta' kriżi;

Or. en

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 182
Paragrafu 36

36. Jinsab ottimist dwar kulleġġi ta' sorveljanti li jittrattaw konglomerati finanzjarji multi-ġurisdizzjonali; ***jilqa' b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali li jimmiraw biex jużaw aħjar ir-riżorsi ta' sorveljanza, biex jiżviluppaw il-prattika tas-sorveljanza, u biex inaqqsu l-piż li s-sorveljanza timponi fuq l-istituzzjonijiet; jistieden lil dawn il-kulleġġi ta' awtoritajiet ta' sorveljanza biex jiżviluppaw kultura uniformi Ewropea ta' superviżjoni u biex janalizzaw mill-qrib il-limiti ta' koperazzjoni volontarja (tħassir) meta jitfaċċaw sitwazzjonijiet vera ta' kriżi;***

Or. de

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 183
Paragrafu 36

36. ***Jikkunsidra li għal kumpaniji multinazzjonali, kulleġġ ta' sorveljanti jista' jaġixxi bħala awtorità ta' viġilanza prinċipali;*** Jinsab ottimist dwar kulleġġi ta' sorveljanti li jittrattaw konglomerati finanzjarji multi-ġurisdizzjonali; jinnota, madanakollu li dawn

il-kulleġġi ma għandhomx il-mandati nazzjonali sabiex jittrasferixxu kompetenzi, jaċċettaw deċiżjonijiet kbar, jew sempliċiment ipoġġu riżorsi biżżejjed u kompetenzi fix-xogħol tal-kulleġġ; ***jirrimarka l-ħtieġa li jiġu definiti qafas u mandati nazzjonali tal-kulleġġi għal koperazzjoni biex jissolvew kwistjonijiet bħal ġestjoni ta' kriżi;***

Or. en

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 184
Paragrafu 36

36. Jinsab ottimist dwar kulleġġi ta' sorveljanti li jittrattaw konglomerati finanzjarji multi-ġurisdizzjonali; jinnota, madanakollu li dawn il-kulleġġi ma għandhomx il-mandati nazzjonali sabiex jittrasferixxu kompetenzi, jaċċettaw deċiżjonijiet kbar, jew sempliċiment ipoġġu riżorsi biżżejjed u kompetenzi fix-xogħol tal-kulleġġ; ***jinkoraġġixxi l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' koperazzjoni volontarja bħal din;***

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 185
Paragrafu 36

36. Jinsab ottimist dwar kulleġġi ta' sorveljanti ***u l-proġett ta' netwerking operazzjonali tas-CEBS*** li jittrattaw konglomerati finanzjarji multi-ġurisdizzjonali; jinnota, madanakollu li dawn il-kulleġġi ma għandhomx il-mandati nazzjonali sabiex jittrasferixxu kompetenzi, jaċċettaw deċiżjonijiet kbar, jew sempliċiment ipoġġu riżorsi biżżejjed u kompetenzi fix-xogħol tal-kulleġġ; jinsab imħasseb li hawnhekk, il-limiti ta' koperazzjoni volontarja se jibdeu jidhru meta jitfaċċaw sitwazzjonijiet vera ta' kriżi; ***jistenna li l-kulleġġ ta' sorveljanti u l-proġett ta' netwerking operazzjonali jipprovdu s-soluzzjonijiet prattiċi meħtieġa (noti ta' informazzjoni) għas-sorveljanza ta' gruppi transkonfinali f'medda ta' żmien qasir;***

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco, Lapo Pistelli

Emenda 186
Paragrafu 36

36. Jinsab ottimist dwar kulleġġi ta' sorveljanti ***u l-proġett ta' netwerking operazzjonali tas-CEBS*** li jittrattaw konglomerati finanzjarji multi-ġurisdizzjonali; jinnota,

madanakollu li dawn il-kulleġġi ma għandhomx il-mandati nazzjonali sabiex jitrasferixxu kompetenzi, jaċċettaw deċiżjonijiet kbar, jew sempliċiment ipoġġu riżorsi biżżejjed u kompetenzi fix-xogħol tal-kulleġġ; jinsab imħasseb li hawnhekk, il-limiti ta' koperazzjoni volontarja se jibdedw jidhru meta jitfaċċaw sitwazzjonijiet vera ta' kriżi; ***jistenna li l-kulleġġ ta' sorveljanti u l-proġett ta' netwerking operazzjonali jipprovdu s-soluzzjonijiet prattiċi meħtieġa (noti ta' informazzjoni) għas-sorveljanza ta' gruppi transkonfinali f'medda ta' żmien qasir;***

Or. en

Emenda mressqa minn Zsolt László Becsey

Emenda 187

Paragrafu 36 a (ġdid)

36a. Jenfasizza li l-koperazzjoni superviżorja bejn l-ospitanti u dawk ta' oriġini hija l-iżjed element sinifikanti ta' l-istabbiliment tas-suq finanzjarju uniku. B'mod partikulari, fil-qasam ta' l-approvazzjoni superviżorja l-proċess fuq l-M&A għandu jiffaċilita l-ħolqien ta' konglomerati finanzjarji li jaħdmu b'mod effiċjenti b'ekonomiji ta' skala usa'. Ta' min jinnota li ż-żona s-suq bankarju tal-pajjiż fejn l-entità finanzjarja miksuba tkun ibbażata trid titqies kif jixraq.

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 188

Paragrafu 37

37. Iqis xieraq li jkun hemm allokazżjoni iktar preċiża ta' l-irwoli bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-kumitati L3; jenfasizza, madankollu, li għalissa l-ikbar problemi f'termini ta' koperazzjoni Prattika jinsabu fil-kumitati L3; jikkunsidra wkoll li sabiex ikun hemm sorveljanza aktar b'saħħitha (speċjalment fejn hemm rabta ċara ma' kwistjonijiet ta' kompetizzjoni), huma meħtieġa livelli għolja ta' indipendenza u newtralità, li ma jistgħux jiġu kkumbinati tajjeb ma' profil politiku żżejjed; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' programmi ta' taħriġ għas-sorveljanti tas-swieq finanzjarji għal dan il-għan;

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 189
Paragrafu 37

37. iqis li ***tqassim*** aktar preċiż tal-funzjonijiet hu mixtieq bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-kumitati L3; Iqis ukoll li kontroll qawwi (partikolarment fil-każ fejn ir-relazzjoni ma' kwistjonijiet ta' kompetizzjoni hija evidenti) jimxu fuq livell għoli ta' indipendenza u ta' newtralità, li m'għandux ma jinftiehemx tajjeb flimkien ma' profil eċċessivament politiku;

Or. fr

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 190
Paragrafu 38

38. Jilqa' b'sudisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill Ekonomiku u għall-Affarijiet Finanzjarji li jwaqqaf sottogrupp fil-Kumitat għas-Servizzi Finanzjarji dwar kwistjonijiet ta' sorveljanza għal żmien twil, li wasal biex jirrapporta f'Ottubru 2007; jistenna li dak il-grupp jagħmel evalwazzjoni ġusta tas-sitwazzjoni preżenti; ***billi jitqies ir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Monitoraġġ Inter-Istituzzjonali (IIMG) li mistenni fil-Ħarifa ta' l-2007 u li se jipprovdi reazzjonijiet utli għal din id-diskussjoni billi jevalwa l-isfidi li baqa' għall-integrazzjoni u l-effettività tar-regolament finanzjarju u l-istruttura tas-sorveljanza u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal passi ulterjuri;***

Or. en

Amendment by Andrea Losco, Lapo Pistelli

Emenda 191
Paragrafu 38

38. Jilqa' b'sudisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill Ekonomiku u għall-Affarijiet Finanzjarji li jwaqqaf sottogrupp fil-Kumitat għas-Servizzi Finanzjarji dwar kwistjonijiet ta' sorveljanza għal żmien twil, li wasal biex jirrapporta f'Ottubru 2007; jistenna li dak il-grupp jagħmel evalwazzjoni ġusta tas-sitwazzjoni preżenti; ***ir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Monitoraġġ Inter-Istituzzjonali (IIMG) li mistenni fil-Ħarifa ta' l-2007 se jipprovdi reazzjonijiet utli għal din id-diskussjoni billi jevalwa l-isfidi li baqa' għall-integrazzjoni u l-effettività tar-regolament finanzjarju u l-istruttura tas-sorveljanza u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal passi ulterjuri.***

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 192
Paragrafu 38

38. Jilqa' b'sudisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill Ekonomiku u għall-Affarijiet Finanzjarji li jwaqqaf sottogrupp fil-Kumitat għas-Servizzi Finanzjarji dwar kwistjonijiet ta' sorveljanza għal żmien twil, li wasal biex jirrapporta f'Ottubru 2007; jistenna li dak il-grupp jagħmel evalwazzjoni ġusta tas-sitwazzjoni preżenti; ***ir-Rapport Finali tal-Grupp ta' Monitoraġġ Inter-Istituzzjonali (IIMG) li mistenni fil-Ħarifa ta' l-2007 se jipprovi reazzjonijiet utli għal din id-diskussjoni billi jevalwa l-isfidi li baqa' għall-integrazzjoni u l-effettività tar-regolament finanzjarju u l-istruttura tas-sorveljanza u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal passi ulterjuri.***

Or. en

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 193
Paragrafu 38

38. Jilqa' pożittivament id-deċiżjoni tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji biex jitwaqqaf sottogrupp għas-Servizzi Finanzjarji dwar il-kwistjonijiet superviżorji fit-tul, li għandu jirrapporta sa Ottubru 2007; jispera li dak il-grupp jistabilixxi evalwazzjoni ġusta tas-sitwazzjoni preżenti u jerġa' jipproponi l-proposta tiegħu li ***fil-mument opportun*** jinħoloq (***tħassir***) grupp interistituzzjonali ta' persuni għaqlija intenzjonat biex jagħti impetu għal miżuri ġodda konkreti fid-dawl ta' l-integrazzjoni u l-effikaċja tar-regolamentazzjoni, ***tas-superviżjoni*** u tal-kontroll finanzjarju;

Or. fr

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 194
Paragrafu 38 a (ġdid)

- 38a F'dan l-istadju jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill illi, hi x'inhi l-istruttura futura tas-superviżjoni tas-swieq finanzjarji, l-Istati Membri għandhom bżonn ikunu nkorraġiti jgħaqqdu s-setgħat tas-superviżuri nazzjonali, partikolarment fejn jidħlu l-penali;***

Or. fr

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 195

Paragrafu 38 b (ġdid)

38b *Jikkunsidra li konverġenza akbar bejn is-superviżuri għandha tiffaċilita wkoll l-attività tal-kumpaniji li llum huma soġġetti għal diversi regolaturi minħabba li l-attivitàjiet tagħhom huma transkonfinali jew jidħlu f'diversi setturi;*

Or. fr

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 196

Paragrafu 38 c (ġdid)

38 c *Hu konvint li l-konverġenza ta' prattiki ta' superviżjoni tista' tinkoraġġixxi l-introduzzjoni ta' suq finanzjarju Ewropew bl-imnut;*

Or. fr

Amendment by Piia-Noora Kauppi

Emenda 197

Paragrafu 39

39. Jistieden lill-Grupp ta' Monitoraġġ Interistituzzjonali *biex jieħu perspettiva usa' fuq l-isfidi u l-opportunitajiet li qed tiffaċċja s-sistema Ewropea ta' sorveljanza* fil-konklużjonijiet finali tiegħu fil-Ħarifa;

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 198

Paragrafu 39

39. Jistieden lill-Grupp ta' Monitoraġġ Interistituzzjonali *biex jieħu perspettiva usa' fuq l-isfidi u l-opportunitajiet li qed tiffaċċja s-sistema Ewropea ta' sorveljanza* fil-konklużjonijiet finali tiegħu fil-Ħarifa;

Or. en

Emenda mressqa minn Peter Skinner

Emenda 199
Paragrafu 40

40. Jemmen li hemm ***il-ħtieġa ta' kontrapiż ta' l-UE għad-dominanza ta' l-Istati Uniti***; jittama li se jkun ukoll possibbli li l-IMF terġa' lura bħala awtorità monetarja globali reali u parteċipant ewlieni li jevita kriżijiet u sabiex jirringa l-iżbilanċi globali;

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 200
Paragrafu 40

40. Jemmen li ***iżjed ma l-approċċ ekonomiku jkun ikkoordinat permezz tal-Kumitati tattieni u t-tielet livell, iżjed ikun hemm probabilità li tissaħħaħ l-influwenza ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri fuq skala globali***;

Or. en

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 201
Paragrafu 40

40. Jemmen li ***iżjed ma l-approċċ ekonomiku jkun ikkoordinat permezz tal-Kumitati tattieni u t-tielet livell, iżjed ikun hemm probabilità li tissaħħaħ l-influwenza ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Membri fuq skala globali u li tiġi bilanċjata kwalunkwe influwenza eċċessiva minn pajjiżi oħra f'organi li jirregolaw lilhom infushom bħall-Bord IAS***;

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 202
Paragrafu 40

40. Jemmen li ***approċċ Ewropew ikkoordinat*** tista' ssaħħaħ l-influwenza ta' l-Unjoni Ewropea globalment u tibbilanċja d-dominanza ta' l-Istati Uniti f'organi li jirregolaw lilhom infushom bħall-Bord IAS; ***huwa konvint li l-mudell ta' finanzjament u l-qafas tar-responsabilità ta' organi li jirregolaw lilhom infushom se jiġu èċarati***; jittama li

se jkun ukoll possibbli li l-IMF terġa' lura bħala awtorità monetarja globali reali u parteċipant ewlieni li jevita kriżijiet u sabiex jirranġa l-iżbilanċi globali;

Or. en

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 203
Paragrafu 40

40. Jemmen li *estensjoni tal-kooperazzjoni fl-istrutturi eżistenti tas-sorveljanza ma' kultura ta' sorveljanza Ewropea, ikkaratterizzata mill-istess valuri u għanijiet*, tista' ssaħħaħ l-influwenza ta' l-Unjoni Ewropea globalment u tibbilanċja d-dominanza ta' l-Istati Uniti f'organi li jirregolaw lilhom infushom bħall-Bord IAS jittama li se jkun ukoll possibbli li l-IMF terġa' lura bħala awtorità monetarja globali reali u parteċipant ewlieni li jevita kriżijiet u sabiex jirranġa l-iżbilanċi globali;

Or. de

Emenda mressqa minn Alexander Radwan

Emenda 204
Paragrafu 40

40. Jemmen li l-istruttura ta' sorveljanza (*tħassir*) Ewropea tista' ssaħħaħ l-influwenza ta' l-Unjoni Ewropea globalment u tibbilanċja d-dominanza ta' l-Istati Uniti f'organi li jirregolaw lilhom infushom bħall-Bord IAS; jittama li se jkun ukoll possibbli li l-IMF terġa' lura bħala awtorità monetarja globali reali u parteċipant ewlieni li jevita kriżijiet u sabiex jirranġa l-iżbilanċi globali;

Or. de

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 205
Paragrafu 40

40. Iqis li struttura ta' kontroll li tinkludi settur għoli fuq livell Ewropew tista' ssaħħaħ l-influwenza ta' l-Unjoni Ewropea fuq livell globali u tibbilanċja d-dominanza ta' l-Istati Uniti *fir-rigward ta' l-awtorità ta' l-SEC* jew f'organi ta' awto-regolamentazzjoni, bħall-Bord IAS; jittama li jkun possibbli wkoll li l-IMF jerġa' jinġab bħala awtorità xierqa u parteċipant monetarju globali biex jiġu evitati l-kriżijiet, *jiggarantixxi l-istabilità finanzjarja* u jikkoreġi l-iżbilanċi globali;

Or. fr

Emenda mressqa minn Sahra Wagenknecht

Emenda 206
Paragrafu 40 a (ġdid)

40a. Jikkunsidra li l-approċċ ta' l-UE, li jsejjaħ għall-ftuħ tas-swieg tas-servizzi finanzjarji globali mingħajr kundizzjonijiet joħloq problema peress li minħabba l-livelli differenti ta' żvilupp ta' ekonomiji individwali, ċertu ammont ta' protezzjoni huwa spiss sine qua non għall-iżvilupp;

Or. de

Emenda mressqa minn Sharon Bowles

Emenda 207
Paragrafu 41

41. Jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' Basel II mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti kif ukoll rikonoxximent reċiproku ta' standards ta' kontabilità (*tħassir*) ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti u jitlob għal aktar koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti; madankollu jirrikonoxxi li hemm regolamentazzjoni limitata tal-manigġers tal-hedge funds fl-Istati Uniti, għall-kuntrarju tas-suq ta' l-Ewropa li hu regolat kollu kemm hu;

Or. en

Emenda mressqa minn John Purvis

Emenda 208
Paragrafu 41

41. Jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' Basel II mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti kif ukoll rikonoxximent reċiproku ta' standards ta' kontabilità (*tħassir*) ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti u jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja l-ħidma tas-settur speċifiku tar-regolaturi ta' vetturi ta' investment alternattivi bħall-hedge funds, inkluż ma' l-IOSCO u l-awtoritajiet kompetenti fis-suq, fejn fondi bħal dawn huma komuni, bħala parti mid-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti.

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 209

Paragrafu 41

41. ***Jemmen li s-sħubija Trans-Atlantika għandha tiġi żviluppata u msaħħa billi tiżdied il-koordinazzjoni regolatorja;*** jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' Basel II mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti kif ukoll rikonoxximent reċiproku ta' standards ta' kontabilità mis-SEC u jitlob għal aktar koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti fis-sorveljanza ta' mekkaniżmi ta' investment mgħejjuna ħafna bħall-'hedge funds';

Or. en

Amendment by Pervenche Berès

Amendment 210

Paragraph 41

41. Jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' Basel II mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti kif ukoll tar-rikonoxximent reċiproku ta' standards ta' kontabilità mis-SEC u jitlob għal aktar koperazzjoni ***taħt kontroll demokratiku*** bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti fis-sorveljanza ta' mekkaniżmi ta' investment mgħejjuna ħafna bħall-'hedge funds';

Or. fr

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 211

Paragrafu 41 a (ġdid)

- 41a. Jappoġġja l-inizjattiva tas-Sħubija Ekonomika Transatlantika tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill (Transatlantic Economic Partnership, TEP), li għandha l-iskop li tippromwovi l-koordinazzjoni ta' regolamenti transatlantiċi u li jiġu evitati regolamenti doppji bla bżonn, u possibilment anki inkonsistenzi, fir-regoli li japplikaw għall-parteciċipanti fis-suq finanzjarju;***

Or. de

Emenda mressqa minn Piia-Noora Kauppi

Emenda 212

Paragrafu 41 a (ġdid)

- 41a. Jappoġġja l-inizjattiva tas-Sħubija Ekonomika Transatlantika (TEP) tal-Presidenza***

Ġermaniża ta' l-UE biex tiżdied il-koordinazzjoni regolatorja fl-Atlantiku kollu sabiex jiġu evitati rduppar jew kontradizzjonijiet bla bżonn fir-regoli għall-parteċipanti tas-suq finanzjarju.

Or. en

Emenda mressqa minn Andrea Losco, Lapo Pistelli

Emenda 213
Paragrafu 41 a (ġdid)

41a. Jappoġġja l-inizjattiva tas-Sħubija Ekonomika Transatlantika (TEP) tal-Previdenza Ġermaniża ta' l-UE biex tiżdied il-koordinazzjoni regolatorja fl-Atlantiku kollu sabiex jiġu evitati rduppar jew kontradizzjonijiet bla bżonn fir-regoli għall-parteċipanti tas-suq finanzjarju.

Or. en

Emenda mressqa minn Margarita Starkevičiūtė

Emenda 214
Paragrafu 41.000000 a (ġdid)

41a. Jemmen li risposti regolatorji kumparabbli fis-swieq finanzjarji ewlenin huma adegwati fid-dawl ta' diversi sfidi u riskji globali ġodda; huwa konxju li r-regolamentazzjoni ta' l-UE għandha impatt fuq ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżomm djalogu intens u kooperazzjoni teknika bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tiżgura l-effiċjenza u l-kwalità ta' l-oqsfa tas-servizz finanzjarji globali, legali u regolatorji;

Or. en

Amendment by Alexander Radwan

Amendment 215
Paragraph 41 a (new)

41a. Jistieden lill-Kummissjoni ta' l-UE biex tagħti bidu għal dibattitu dwar il-hedge funds sabiex tkun ippreparata għad-diskussjonijiet internazzjonali u Ewropej;

Or. de

Emenda mressqa minn Karsten Friedrich Hoppenstedt

Emenda 216

Paragrafu 42 a (ġdid)

42a. Huwa tal-fehma li l-Unjoni għandha tassumi attitudini kostruttiva u miftuħa fil-konfront tal-qawmien ekonomiku tal-Grigal ta' l-Asja, u b'mod partikolari l-Indja, iċ-Ċina u l-Korea t'Isfel, u żżomm milli timponi kull miżura protezzjonistika fil-livell Ewropew u nazzjonali; jappoġġja l-inizjattivi biex jinbnew standards globali komuni għas-servizzi finanzjarji bħal, pereżempju, il-laqgħat annwali taċ-China Round Table dwar is-Servizzi Finanzjarji u r-Regolazzjoni (EU-China Round Table on Financial Services and Regulation);

Or. de

Emenda mressqa minn Pervenche Berès

Emenda 217

Paragrafu 43

43. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, (tħassir), lill-Kummissjoni, lill-BĊE, lis-CESR, lis-CEBS u lis-CEIOPS.

Or. fr